**KUNSILL**
**TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 17 ta' Diċembru 2010 (22.12)**
**(OR. fr)**

**18101/10**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2010/0383 (COD)**

**JUSTCIV 239**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Kummissjoni |
| data: | 16 ta' Diċembru 2010 |
| Suġġett: | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (Riformulazzjoni) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Pierre de BOISSIEU, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

---

Mehmuż: COM(2010) 748

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell,
COM(2010) 748

2010/xxxx (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali

**(Riformulazzjoni)**

{SEC(2010) 1547}
{SEC(2010) 1548}

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 1.1. Kuntest ġenerali

Din il-proposta hija riformulazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta’ Diċembru 2001 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (minn hawn ’il quddiem “Brussell I”).

Ir-Regolament Brussell I huwa l-format għall-koperazzjoni ġudizzjarja ċivili fl-Unjoni Ewropea. Huwa japplika f'sensiela wiesgħa ta' kwistjonijiet u jkopri mhux biss pretensjonijiet kuntrattwali iżda wkoll dawk delittwali u konnessi mal-proprjetà. Jidentifika liema hija l-aktar qorti xierqa biex issolvi tilwim transkonfinali u jiżgura li jkun hemm rikonoxximent u eżekuzzjoni effiċjenti ta’ sentenzi mogħtija fi Stat Membru ieħor. Ir-Regolament issostitwixxa l-Konvenzjoni ta’ Brussell tal-1968 li kienet ġiet konkluża bejn l-Istati Membri ta’ dak iż-żmien u li ġiet suċċessivament emendata biex tirrifletti t-tkabbir suċċessiv tal-Unjoni. Huwa japplika fl-Istati Membri kollha, inkluża, permezz ta’ ftehim internazzjonali separat, id-Danimarka, li għandha sistema speċjali għall-koperazzjoni ġudizzjarja taħt it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament daħal fis-seħħ f'Marzu tal-2002. Tmien snin wara, il-Kummissjoni rrevediet it-tħaddim tiegħu fil-prattika u qieset l-emendi neċessarji għal dan l-istrument.

### 1.2. Raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Filwaqt li r-Regolament huwa ġeneralment ikkunsidrat li qed jiffunzjona tajjeb, il-konsultazzjoni ma’ partijiet interessati u diversi studji legali u empiriċi li ġew ikkummissjonati mill-Kummissjoni żvelaw li hemm numru ta’ nuqqasijiet fit-tħaddim attwali tar-Regolament li għandha tinsab soluzzjoni għalihom. Jistgħu jiġu identifikati essenzjalment erba’ nuqqasijiet ewlenin:

- Il-proċedura għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta’ sentenza fi Stat Membru ieħor ("exequatur") għadha ostakolu għall-moviment liberu tas-sentenzi li jġib miegħu spejjeż u dewmien mhux neċessarji għall-partijiet involuti u li jwaqqaf lill-kumpaniji u liċ-ċittadini milli jagħmlu użu sħiħ mis-suq intern.

- L-aċċess għall-ġustizzja fl-UE ġeneralment mhuwiex sodisfaċenti f’tilwim li jinvolvi konvenuti minn barra l-UE. Ħlief għal xi eċċezzjonijiet, ir-Regolament attwali japplika biss fejn il-konvenut huwa domiċiljat ġewwa l-UE. Jekk le, il-ġurisdizzjoni hija rregolata mid-dritt nazzjonali. Id-diversità fid-dritt nazzjonali twassal għal aċċess mhux indaqs għall-ġustizzja għal kumpaniji tal-UE fi transazzjonijiet ma’ sħab f’pajjiżi terzi: uħud minnhom jistgħu faċilment iressqu t-tilwim tagħhom quddiem qorti fl-UE filwaqt li oħrajn ma jistgħux anki f'sitwazzjonijiet fejn ma jkun hemm ebda qorti kompetenti oħra li tiggarantixxi li jkun hemm proċess imparzjali. Barra minn dan, meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tagħtix aċċess għall-qorti f'tilwim ma' partijiet barra l-UE, mhijiex garantita l-eżekuzzjoni ta' liġi mandatorja tal-UE li jħares, eż., lill-konsumaturi, lill-impjegati jew lill-aġenti kummerċjali.

- Jeħtieġ li titjieb l-effiċjenza ta' ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti. Bħalissa r-Regolament jobbliga lill-qorti magħżula mill-partijiet fi ftehim dwar l-għażla tal-qorti biex tissospendi l-proċedimenti quddimeha jekk il-kwistjoni tkun tressqet qabel quddiem qorti oħra. Din ir-regola tippermetti lil partijiet li jkunu qed jaġixxu *in mala fede* jdewmu r-riżoluzzjoni tat-tilwima fil-forum li jkun qablu dwaru billi l-ewwel iressqu l-kwistjoni quddiem qorti li ma tkunx kompetenti. Din il-possibbiltà toħloq spejjeż u dewmien addizzjonali u ddgħajjef iċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà tar-riżoluzzjoni tat-tilwim li għandhom jirriżultaw mill-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti.

- Ir-relazzjoni bejn l-arbitraġġ u t-tilwim għandha titjieb. L-arbitraġġ hu eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Madankollu, bil-kontestazzjoni ta' ftehim ta' arbitraġġ quddiem qorti, parti tista' effettivament iddgħajjef il-ftehim ta' arbitraġġ u toħloq sitwazzjoni ta' proċedimenti legali paralleli li tista' twassal għal riżoluzzjonijiet tat-tilwima li ma jkunux irrikonċiljabbli. Dan iwassal għal spejjeż u dewmien addizzjonali, idgħajjef il-prevedibbiltà tar-riżoluzzjoni tat-tilwim u joħloq inċentivi għal tattiċi ta' tilwim abbużivi.

Fil-Valutazzjoni tal-Impatt li tinsab ma' din il-proposta hemm analiżi dettaljata tal-problemi tas-sistema attwali kif ukoll tal-impatti tal-alternattivi differenti li tqiesu biex dawn il-problemi jiġu indirizzati.

L-għan ġenerali tar-reviżjoni huwa li tiġi żviluppata ulterjorment iż-żona Ewropea tal-ġustizzja billi jitneħħew l-ostakoli li fadal għall-moviment liberu tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji skont il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku. L-importanza ta' dan l-għan ġie enfasizzat mill-Kunsill Ewropew fil-programm ta' Stokkolma[1] tiegħu tal-2009. B'mod aktar speċifiku, il-proposta għandha l-għan li tiffaċilita t-tilwim transkonfinali u l-moviment liberu tas-sentenzi fl-Unjoni Ewropea. Ir-reviżjoni għandha wkoll tikkontribwixxi biex jinħoloq l-ambjent legali meħtieġ biex tirkupra l-ekonomija Ewropea.

## 2. KONSULTAZZJONI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Qabel din il-proposta kien hemm konsultazzjoni wiesgħa mal-pubbliku interessat, l-Istati Membri, istituzzjonijiet oħrajn u esperti dwar il-problemi eżistenti tas-sistema attwali u s-soluzzjonijiet possibbli għalihom. Fil-21 ta' April 2009, il-Kummissjoni adottat rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament u Green Paper li ressqu suġġerimenti għar-reviżjoni tal-istess Regolament u rċeviet 130 reazzjoni dwarhom. Il-Kummissjoni qieset ir-riżultati ta' bosta studji dwar aspetti differenti tar-reviżjoni, b'mod partikolari studju tal-2007 dwar l-applikazzjoni prattika tar-Regolament[2] u studju tal-2006 dwar ġurisdizzjoni reżidwa[3]. Inġabret dejta empirika dwar l-impatt tal-għażliet differenti għal riforma minn żewġ studji esterni ulterjuri[4]. Il-Kummissjoni koorganizzat żewġ konferenzi dwar ir-reviżjoni fl-2009[5] u

---

1 Adottat fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-10 u l-11 ta' Diċembru 2009.

2 Li sar mill-Prof. Burkhard Hess tal-Università ta' Heidelberg u li huwa disponibbli fuq http://ec.europa.eu/justice_home/doc_centre/civil/studies/doc_civil_studies_en.htm

3 Li sar mill-Prof. Arnaud Nuyts tal-Università ta' Brussell u li huwa disponibbli fuq http://ec.europa.eu/justice_home/doc_centre/civil/studies/doc_civil_studies_en.htm

4 Study on Data Collection and Impact Analysis Certain Aspects of a Possible Revision of Council Regulation No 44/2001 on Jurisdiction and the Recognition and Enforcement of Judgments in civil and commercial matters (Studju dwar il-Ġbir tad-Dejta u Analiżi tal-Impatt dwar Xi Aspetti ta' Reviżjoni Possibbli tar-Regolament tal-Kunsill Nru 44/2001 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali), li sar mis-Centre for Strategy & Evaluation Services (CSES) fl-2010 u li hu disponibbli fuq http://ec.europa.eu/justice/doc_centre/civil/studies/doc_civil_studies_en.htm; Study to evaluate the impact of a possible ratification by the European Community of the 2005 Hague Convention on Choice-of-Court Agreements (Studji biex jiġi evalwat l-impatt ta' ratifika possibbli mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-2005 dwar Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Qorti), li sar minn GHK fl-2007 u li hu disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/dgs/justice_home/evaluation/dg_coordination_evaluation_annexe_en.htm.

5 Konferenza organizzata flimkien mal-Università ta' Heidelberg u l-Ġurnal ta' Dritt Internazzjonali Privat.

fl-2010[6]. Saret laqgħa mal-esperti nazzjonali f'Lulju 2010. Twaqqaf grupp ta' esperti separat dwar il-kwistjoni ta' arbitraġġ u saru tliet laqgħat f'Lulju, Settembru u Ottubru tal-2010.

Mill-proċess ta' konsultazzjoni rriżulta li l-opinjonijiet tal-partijiet interessati dwar l-elementi ewlenin tar-riforma huma kif ġej. Rigward l-abolizzjoni tal-*exequatur*, maġġoranza kbira tal-partijiet interessati u l-Istati Membri kollha jappoġġaw l-għan ta' moviment ħieles tas-sentenzi fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Hemm ukoll appoġġ ġenerali għall-abolizzjoni tal-proċedura ta' *exequatur* bħala mezz biex jintlaħaq dan il-għan. Maġġoranza kbira tal-partijiet interessati kienu tal-opinjoni li l-abolizzjoni tal-*exequatur* għandha tkun akkumpanjata minn salvagwardji, b'mod partikolari biex jitħarsu d-drittijiet tad-difiża tal-parti li kontriha tintalab l-eżekuzzjoni. Kien hemm opinjonijiet differenti dwar dawn is-salvagwardji u l-post fejn dawn is-salvagwardji għandhom ikunu disponibbli (Stat Membru ta' eżekuzzjoni jew Stat Membru ta' oriġini). Ġie espress tħassib speċifiku rigward l-abolizzjoni tal-*exequatur* f'kawżi ta' malafama u fi proċedimenti ta' rikors kollettiv għal kumpens għad-danni. Rigward it-tħaddim tar-Regolament fis-sistema internazzjonali legali, kien hemm opinjoni ġenerali li n-negozjati multilaterali fil-livell internazzjonali jkunu jikkostitwixxu l-aktar qafas xieraq għar-regolamentazzjoni. Fin-nuqqas ta' qafas bħal dan, kien hemm opinjoni diverġenti dwar l-aħjar triq 'il quddiem. Filwaqt li numru ta' partijiet interessati u ta' Stati Membri taw l-appoġġ tagħhom għall-estensjoni tar-regoli ta' ġurisdizzjoni għal konvenuti minn Stati terzi, b'mod partikolari bl-għan li jiġi żgurat aċċess għall-ġustizzja quddiem il-qrati fl-Ewropa, il-biċċa l-kbira mill-partijiet interessati ħasbu li r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi ta' Stati terzi għandhom ikunu parti minn qafas multilaterali li jiżgura reċiproċità fil-livell internazzjonali. Rigward ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti, kien hemm appoġġ kbir mill-partijiet interessati u mill-Istati Membri għat-titjib tal-effettività ta' dawn il-ftehimiet. Fost il-modi differenti biex jintlaħaq dan il-għan, ġiet espressa preferenza għall-għoti ta' prijorità lill-qorti magħżula biex tiddeċiedi dwar il-ġurisdizzjoni tagħha. Mekkaniżmu bħal dan fil-biċċa l-kbira tiegħu jkun jikkonforma mas-sistema stabbilita fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-2005 dwar Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Qorti u b'hekk jiżgura approċċ koerenti fi ħdan l-Unjoni u fil-livell internazzjonali jekk l-Unjoni tiddeċiedi li tikkonkludi l-Konvenzjoni tal-2005. Rigward il-konnessjoni bejn ir-Regolament u l-arbitraġġ, filwaqt li ħafna partijiet interessati rrikonoxxew il-problema u taw l-appoġġ tagħhom għal azzjoni fil-ġejjieni, diversi assoċjazzjonijiet tal-arbitri esprimew tħassib dwar l-impatt ta' kwalunkwe regolamentazzjoni fuq ir-rwol ewlieni fil-livell dinji taċ-ċentri ta' arbitraġġ Ewropej. Kien hemm diverġenzi fl-opinjonijiet dwar l-aħjar triq 'il quddiem, jiġifieri, jew li jiġu promossi attivament ftehimiet ta' arbitraġġ billi jiġu evitati proċedimenti paralleli u tattiċi ta' tilwim abbużivi jew li jiġi eskluż l-arbitraġġ b'mod aktar wiesa' mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. F'kull każ, il-biċċa l-kbira tal-partijiet interessati esprimew sodisfazzjoni ġenerali dwar it-tħaddim tal-Konvenzjoni ta' New York tal-1958, liema tħaddim m'għandu jiddgħajjef mill-ebda azzjoni tal-Unjoni dwar il-kwistjoni.

Il-Kummissjoni analizzat l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-aspetti ewlenin tar-riforma proposta fil-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja dil-proposta.

6 Konferenza organizzata flimkien mal-Presidenza Spanjola.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

### 3.1. Sommarju tal-azzjoni proposta

L-elementi proposti tar-riforma huma dawn li ġejjin:

- L-abolizzjoni tal-proċedura intermedja għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi (*exequatur*) bl-eċċezzjoni ta' sentenzi f'każijiet ta' malafama u sentenzi mogħtija fi proċedimenti kompensatorji kollettivi;

- L-estensjoni tar-regoli ta' ġurisdizzjoni tar-Regolament għal tilwim li jinvolvi konvenuti minn pajjiżi terzi, inkluż li jiġu rregolati dawk is-sitwazzjonijiet fejn ikun hemm l-istess kwistjoni pendenti ġewwa u barra l-UE;

- It-titjib tal-effettività tal-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti;

- Titjib fil-konnessjoni bejn ir-Regolament u l-arbitraġġ;

- Kordinazzjoni aħjar tal-proċedimenti quddiem il-qrati tal-Istati Membri;

- Titjib tal-aċċess għall-ġustizzja għal xi tilwim speċifiku; kif ukoll

- Kjarifika tal-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jiċċirkulaw fl-UE miżuri provviżorji u kawtelatorji.

#### *3.1.1. Abolizzjoni tal-exequatur*

Il-koperazzjoni ġudizzjarja ċivili żviluppat fil-kuntest tal-ħolqien ta' suq intern fl-Ewropa bbażat fuq il-premessa ta' rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi. Dan ir-rikonoxximent reċiproku ġie gradwalment mtejjeb billi fl-Unjoni tnaqqsu l-kontrolli fir-rigward ta' sentenzi barranin. Illum, il-koperazzjoni ġudizzjarja u l-livell ta' fiduċja fost l-Istati Membri waslu għal grad ta' maturità li jippermetti bidla għal sistema aktar sempliċi, li tiswa inqas u li hija aktar awtomatika ta' ċirkulazzjoni tas-sentenzi, u li tneħħi l-formalitajiet eżistenti fost l-Istati Membri. Il-proposta għalhekk tabolixxi l-proċedura tal-*exequatur* għas-sentenzi kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, ħlief għal sentenzi f'każijiet ta' malafama jew f'każijiet ta' rikorsi kollettivi għal kumpens għad-danni. L-abolizzjoni tal-*exequatur* se tkun akkumpanjata minn salvagwardji proċedurali li jiżguraw li d-dritt tal-konvenut għal proċess imparzjali u d-drittijiet tad-difiża tiegħu, kif inhuma garantiti mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jiġu mħarsa b'mod xieraq. Il-konvenut ikollu tliet rimedji ewlenin għad-dispożizzjoni tiegħu li bihom, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, ikun jista' jwaqqaf sentenza mogħtija fi Stat Membru wieħed milli jkollha effett fi Stat Membru ieħor: l-ewwelnett ikun jista' jikkontesta sentenza fl-Istat Membru ta' oriġini jekk ma kienx informat b'mod xieraq dwar il-proċedimenti f'dak l-Istat. It-tieninett, il-proposta toħloq rimedju straordinarju fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni li jippermetti lill-konvenut jikkontesta kull difett proċedurali ieħor li seta' rriżulta matul il-proċedimenti quddiem il-qorti tal-oriġini u li seta' kisirlu d-dritt tiegħu għal proċess imparzjali. It-tielet rimedju jippermetti lill-konvenut iwaqqaf l-eżekuzzjoni tas-sentenza f'każ li din ma tkunx tista' tiġi kkonċiljata ma' sentenza oħra li tkun ngħatat fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni jew – sakemm jiġu sodisfatt ċerti kundizzjonijiet - f'pajjiż ieħor. Dawn is-salvagwardji jindirizzaw is-sitwazzjonijiet li bħalissa huma indirizzati minn uħud mir-raġunijiet eżistenti għal rifjut, b'mod partikolari biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża, bid-differenza ewlenija li qed jiġi abolit il-

kontroll tal-politika publika sostantiva. B'hekk jiġu ffrankati ż-żmien u l-ispejjeż tal-proċedura ta' *exequatur* filwaqt li tibqa' żgurata l-protezzjoni meħtieġa għall-konvenuti.

Il-proposta tinkludi wkoll sensiela ta' formoli standard li għandhom l-għan li jiffaċilitaw ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni tas-sentenza barranija fin-nuqqas tal-proċedura ta' *exequatur* kif ukoll it-talba għal reviżjoni taħt il-proċedura li tissalvagwardja d-drittijiet tad-difiża deskritti hawn fuq. Dawn il-formoli se jiffaċilitaw l-eżekuzzjoni tas-sentenza mill-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari fejn iridu jiġu kkalkulati l-imgħax u l-ispejjeż. Huma jnaqqsu wkoll mill-ħtieġa għal traduzzjoni tas-sentenza u jħaffu r-rikors għal reviżjoni tas-sentenza mill-konvenut li jkollu jaġixxi fi Stat Membru ieħor.

Il-proposta żżomm il-proċedura tal-*exequatur* għal sentenzi f'każijiet ta' malafama li fihom individwu jsostni li xi drittijiet relatati mal-personalità jew mal-privatezza tiegħu jkunu nkisru mill-medja. Dawn il-każijiet huma partikolarment sensittivi u l-Istati Membri adottaw approċċi diverġenti dwar kif għandhom jiżguraw li jkun hemm konformità mad-drittijiet fundamentali diversi milquta bħad-dinjità umana, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, il-protezzjoni tad-dejta personali, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni. Minħabba dawn id-diverġenzi, flimkien man-nuqqas ta' regola armonizzata dwar il-kunflitt fil-livell tal-Unjoni (ara l-Artikolu 1(2)(g) tar-Regolament (KE) Nru 864/2007 ("Ruma II")[7]), ikun prematur li wieħed jippreżumi li diġà jeżisti l-livell ta' fiduċja meħtieġ bejn is-sistemi legali biex immorru lil hinn mill-i*status quo* dwar din il-kwistjoni. Għaldaqstant jidher li hu preferibbli li l-proċedura tal-*exequatur* tinżamm temporanjament għal sentenzi f'każijiet ta' malafama sakemm ma jkun hemm aktar ċarezza dwar ir-regoli sostantivi u/jew dawk dwar il-kunflitt f'dan il-qasam.

L-*exequatur* qed tinżamm ukoll għal sentenzi fi proċedimenti li jitressqu minn grupp ta' rikorrenti, minn entità rappreżentattiva jew minn korp li jkun qed jaġixxi fl-interess pubbliku u li jkunu jikkonċernaw kumpens għal dannu kkawżat lil bosta rikorrenti minn prattiċi tan-negozju kontra l-liġi ("rikors kollettiv"). Il-mekkaniżmi eżistenti biex jiġi kkumpensat grupp ta' vittmi li ssirilhom ħsara minn prattiċi illegali tan-negozju jvarjaw ħafna madwar l-UE. Kull sistema nazzjonali hija essenzjalment unika u m'hemm l-ebda żewġ sistemi nazzjonali ta' rikors għal kumpens għad-danni li huma simili f'dan il-qasam. Uħud mill-proċeduri japplikaw biss f'setturi speċifiċi ħafna (eż. l-irkupru ta' telf ta' investimenti kapitali fil-Ġermanju jew id-dannu kkawżat minn prattiċi antikompetittivi fir-Renju Unit); oħrajn għandhom kamp ta' applikazzjoni usa' (eż. il-proċeduri ta' kumpens kollettiv Spanjoli). It-tieni differenza tirrigwarda l-*locus standi* fi proċedimenti ta' rikors għal kumpens għad-danni: xi Stati Membri taw lill-awtoritajiet pubbliċi s-setgħa li jressqu proċedimenti f'ċerti oqsma (eż. l-Ombudsman fil-Finlandja), oħrajn jagħtu *locus standi* lil organizzazzjonijiet privati bħal assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi (eż. il-Bulgarija) jew lil individwi li jaġixxu għan-nom ta' grupp (eż. il-Portugall). Bosta Stati Membri għandhom taħlita ta' diversi regoli dwar *locus standi*. Hemm differenza oħra li tikkonċerna l-kategorija tal-vittmi li jisgħu jagħmlu użu mir-rikors kollettiv għal kumpens għad-danni. Il-biċċa l-kbira mis-sistemi legali msemmija hawn fuq jippermettu rikors kollettiv għal kumpens għad-danni għall-konsumaturi, filwaqt li xi ftit minnhom jippermettu rikors kollettiv għal kumpens għad-danni għal vittmi oħra, bħan-negozji ż-żgħar. Hemm ukoll differenzi li jirrigwardaw l-effett ta' sentenza fuq il-membri tal-grupp ikkonċernat: fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, id-deċiżjoni torbot biss lil dawk li taw il-kunsens espress tagħhom għall-proċedimenti ("opt-in", eż. l-Isvezja, l-Italja). Fi ftit Stati Membri, id-deċiżjoni ssir vinkolanti għall-membri kollha tal-grupp sakemm dawn ma jkunux

---

[7] ĠU L 199, 31.7.2007, p. 40.

għażlu li ma jkunux vinkolati minnha (il-Portugall, id-Danimarka, il-Pajjiżi l-Baxxi). Barra minn dan, hemm differenzi bejn l-Istati Membri rigward il-mument li fih dawk li jkollhom xi pretensjoni jiġu identifikati individwalment; f'xi Stati Membri, l-identifikazzjoni trid isseħħ meta jitressaq ir-rikors kollettiv (eż. ir-Renju Unit), filwaqt li f'oħrajn tista' sseħħ fi stadju ulterjuri (eż. il-Polonja u Spanja). Hemm ukoll differenzi notevoli rigward il-finanzjament ta' rikorsi kollettivi għal kumpens għad-danni, id-distribuzzjoni tal-ammont li jintrebaħ u l-użu ta' mekkaniżmi alternattivi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim. Fid-dawl ta' dawn id-differenzi kbar, ma jistax jiġi preżunt li hemm il-livell ta' fiduċja meħtieġ f'dan l-istadju. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni se tagħmel konsultazzjoni pubblika dwar approċċ Ewropew għall-kumpens kollettiv li tidentifika liema tipi ta' kumpens kollettiv jistgħu jagħmlu parti mis-sistema legali tal-UE u mis-sistemi legali tas-27 Stati Membri. Il-konsultazzjoni pubblika għandha tippermetti, fost affarijiet oħrajn, li jiġi determinat kemm huma effiċjenti r-regoli ta' dritt ċivili u proċedurali Ewropej għall-finijiet tal-azzjonijiet kollettivi u għall-eżekuzzjoni tas-sentenzi fl-UE kollha. Sakemm ikun hemm l-eżitu ta' din il-konsultazzjoni, ikun prematur li wieħed jimxi lil hinn mill-i*status quo* fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' rikors kollettiv għal kumpens għad-danni bl-abolizzjoni tal-proċedura tal-*exequatur* għal sentenzi mogħtija fi proċedimenti kollettivi. Jekk il-konsultazzjoni twassal għall-adozzjoni ta' miżuri ta' armonizzazzjoni jew ta' approssimazzjoni f'dan il-qasam, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-abbozz ta' regolament dwar it-tneħħija tal-*exequatur* għandhom jiġu estiżi b'mod konsistenti għal proċeduri bħal dawn. Estensjoni bħal din għandha tkun mingħajr ħsara għall-possibbiltà tal-Kummissjoni li tipproponi l-abolizzjoni ta' miżuri intermedji fil-każ ta' proċedimenti kollettivi għad-danni, anki fin-nuqqas ta' miżuri ta' armonizzazzjoni jew ta' approssimazzjoni bħal dawn, ladarba tiġi vverifikata l-effiċjenza ta' dan u li jiġi vverifikat li żvilupp bħal dan ikun aċċettabbli fis-sistema ġudizzjarja Ewropea.

### *3.1.2. Titjib fit-tħaddim tar-Regolament fis-sistema legali internazzjonali*

Qed jiġu proposti diversi modifiki bl-għan li jtejbu t-tħaddim tar-Regolament fis-sistema legali internazzjonali.

- Il-proposta testendi r-regoli dwar il-ġurisdizzjoni tar-Regolament għal konvenuti minn pajjiżi terzi. Din l-emenda se testendi b'mod ġenerali l-possibiltajiet għall-kumpaniji u ċ-ċittadini biex ifittxu konvenuti minn pajjiżi terzi quddiem qorti fl-UE minħabba li f'dawn il-każijiet ikun hemm regoli speċjali ta' ġurisdizzjoni li, eż, jistabbilixxu l-ġurisdizzjoni fil-post fejn titwettaq il-prestazjoni kuntrattwali. B'mod aktar speċifiku, l-emenda se tiżgura li r-regoli ta' ġurisdizzjoni li jħarsu l-konsumaturi, l-impjegati u l-assigurati japplikaw ukoll jekk il-konvenut ikun domiċiljat barra l-UE.

- Il-proposta tarmonizza ulterjorment ir-regoli dwar ġurisdizzjoni sussidjara u toħloq żewġ fora addizzjonali għal tilwim li jinvolvi konvenuti domiċiljati barra l-UE. L-ewwelnett, il-proposta tipprevedi li konvenut li mhuwiex mill-UE jista' jittella' quddiem qorti fil-post fejn jinsabu beni mobbli li huma proprjetà tiegħu, sakemm il-valur tagħhom ma jkunx sproporzjonat meta mqabbel mal-valur tal-pretensjoni u t-tilwima jkollha rabta suffiċjenti mal-Istat Membru tal-qorti li quddiemha titressaq il-kawża. Barra minn dan, il-qrati ta' Stat Membru jkollhom ġurisdizzjoni jekk ma jkun disponibbli l-ebda forum ieħor li jiggarantixxi d-dritt għal proċess imparzjali u t-tilwima jkollha rabta suffiċjenti mal-Istat Membru kkonċernat ("*forum necessitatis*"). L-armonizzazzjoni tal-ġurisdizzjoni sussidjarja tiżgura li ċ-ċittadini u l-kumpaniji jkollhom aċċess indaqs għal qorti fl-Unjoni u li l-kumpaniji jkollhom kundizzjonijiet indaqs f'dan ir-rigward. Ir-regoli armonizzati

jikkumpensaw għat-tneħħija ta' regoli nazzjonali eżistenti. L-ewwelnett, il-forum ta' fejn jinsabu l-assi jibbilanċja l-assenza tal-konvenut mill-Unjoni. Bħalissa teżisti regola bħal din fi grupp imdaqqas ta' Stati Membri u għandha l-vantaġġ li tiżgura li sentenza tkun tista' tiġi infurzata fl-Istat fejn tingħata. It-tieninett, il-*forum necessitatis* jiggarantixxi d-dritt għal proċess imparzjali ta' rikorrenti mill-UE, li huwa ta' relevanza partikolari għal kumpaniji tal-UE li jinvestu f'pajjiżi b'sistemi legali immaturi.

- Il-proposta tintroduċi regola dikrezzjonarja ta' *lis pendens* għal tilwimiet dwar l-istess suġġett u bejn l-istess partijiet li jkunu pendenti quddiem il-qrati fl-UE u dawk f'pajjiż terz. Qorti ta' Stat Membru tista', b'mod eċċezzjonali, tissospendi l-proċedimenti quddiemha jekk il-kwistjoni tkun l-ewwel tressqet quddiem qorti barra l-UE u din tkun mistennija li tiddeċiedi fi żmien raġonevoli u d-deċiżjoni tkun tista' tiġi rikonoxxuta u eżegwita f'dak l-Istat Membru. Din l-emenda għandha l-għan li tevita proċedimenti paralleli ġewwa u barra l-UE.

### *3.1.3. Titjib tal-effettività tal-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti*

Il-proposta tinkludi żewġ emendi li għandhom l-għan li jtejbu l-effettività tal-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti:

Meta l-partijiet ikunu għażlu qorti jew qrati partikolari biex jirrisolvu t-tilwima tagħhom, il-proposta tagħti prijorità lill-qorti magħżula biex tiddeċiedi dwar il-ġurisdizzjoni tagħha, irrispettivament minn jekk din tkun l-ewwel jew it-tieni qorti li quddiemha tkun tressqet il-kawża. Kull qorti oħra trid tissospendi l-proċedimenti quddiemha sakemm il-qorti magħżula tkun iddikjarat li għandha ġurisdizzjoni jew – f'każ li l-ftehim ikun invalidu – li m'għandhiex ġurisdizzjoni. Din il-modifika se żżid l-effettività tal-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti u telimina l-inċentivi għal tilwim abbużiv quddiem qrati li ma jkollhomx ġurisdizzjoni.

Barra minn dan, il-proposta tintroduċi regola armonizzata dwar il-kunflitt tal-liġijiet dwar il-validità sostantiva ta' ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti, u b'hekk tiżgura li jkun hemm eżitu simili dwar dil-kwistjoni tkun liema tkun il-qorti li quddiemha titressaq it-tilwima.

Iż-żewġ modifiki jirriflettu s-soluzzjonijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-2005 dwar il-Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Qorti u b'hekk jiffaċilitaw il-konklużjoni possibbli ta' dil-Konvenzjoni mill-Unjoni Ewropea.

*3.1.4. Titjib fil-konnessjoni bejn ir-regolament u l-arbitraġġ*

Il-proposta tinkludi regola speċifika dwar ir-relazzjoni bejn l-arbitraġġ u l-proċedimenti quddiem il-qrati. Hija tobbliga qorti li titressaq tilwima quddiemha biex tissospendi l-proċedimenti quddiemha jekk il-ġurisdizzjoni tagħha tkun kontestata fuq il-bażi ta' ftehim ta' arbitraġġ u l-każ ikun tressaq quddiem tribunal tal-arbitraġġ jew jekk ikunu nbdew proċedimenti relatati mal-ftehim ta' arbitraġġ fl-Istat Membru fejn tkun tinsab is-sede tal-arbitraġġ. Din il-modifika se żżid l-effettività ta' ftehimiet ta' arbitraġġ fl-Ewropa, twaqqaf milli jkun hemm proċedimenti quddiem il-qrati u proċedimenti ta' arbitraġġ paralleli u telimina l-inċentiv għal tattiċi ta' tilwim abbużivi.

*3.1.5. Kordinazzjoni aħjar ta' proċedimenti legali quddiem il-qrati tal-Istati Membri*

Sensiela oħra ta' modifiki għandha l-għan li ttejjeb il-Kordinazzjoni tal-proċedimenti legali fl-Istati Membri. Dawn huma kif ġej:

- Il-proposta għandha l-għan li ttejjeb ir-regola ġenerali dwar il-*lis pendens* billi tippreskrivi terminu li fih il-qorti li quddiemha titressaq il-kawża l-ewwel trid tivverifika jekk għandhiex ġurisdizzjoni. Barra minn dan, l-emenda tipprovdi għal skambju ta' informazzjoni bejn il-qrati li titressaq quddiemhom l-istess kwistjoni.

- Il-proposta tiffaċilita l-konsolidazzjoni ta' azzjonijiet relatati billi telimina l-ħtieġa li l-konsolidazzjoni trid tkun possibbli taħt il-liġi nazzjonali.

- Rigward miżuri provviżorji, inklużi dawk kawtelatorji, il-proposta tipprovdi għall-moviment liberu ta' dawk il-miżuri li jiġu konċessi minn qorti li jkollha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-kawża inklużi – suġġett għal xi kundizzjonjiet – miżuri li jingħataw *ex parte*. Min-naħa l-oħra, il-proposta twaqqaf iċ-ċirkolazzjoni ta' miżuri provviżorji ordnati minn qorti li ma tkunx dik li jkollha l-ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-kawża. Minħabba d-diverġenza kbira bejn il-liġijiet nazzjonali dwar din il-kwistjoni, l-effett ta' dawn il-miżuri għandu jkun limitat għat-territorju tal-Istat Membru fejn ikunu ngħataw, biex b'hekk jiġi evitat ir-riskju ta' *forum shopping* abbużiv. Fl-aħħarnett, jekk il-proċedimenti fuq il-mertu jkunu pendenti quddiem qorti waħda u qorti oħra tintalab biex toħroġ miżura provviżorja, il-proposta teħtieġ li ż-żewġ qrati jikkoperaw sabiex jiżguraw li ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ jitqiesu meta tiġi konċessa miżura provviżorja.

*3.1.6. Titjib fl-aċċess għall-ġustizzja*

Sensiela finali ta' emendi ttejjeb it-tħaddim prattiku tar-regoli dwar il-ġurisdizzjoni. Dawn jinkludu:

- il-ħolqien ta' forum għal pretensjonijiet ta' drittijiet *in rem* fil-post fejn ikunu jinsabu l-beni mobbli;

- il-possibbiltà għall-impjegati biex iressqu kawżi kontra aktar minn konvenut wieħed fil-qasam tax-xogħol taħt l-Artikolu 6(1). Dil-possibbiltà kienet teżisti taħt il-Konvenzjoni ta' Brussell tal-1968. Id-dħul mill-ġdid tagħha fir-Regolament se jkun ta' benefiċċju għal impjegati li jkunu jixtiequ jressqu proċedimenti kontra dawk li jħaddmuhom b'mod konġunt stabbiliti fi Stati Membri differenti (ara s-sitwazzjoni msemmija fil-Kawża C-462/06). Li tingħata lura l-possibbiltà f'dan il-kuntest li l-proċedimenti kontra diversi

konvenuti jiġu konsolidati jkun l-aktar ta' benefiċċju għall-impjegati. Is-sitwazzjoni inversa, jiġifieri fejn min iħaddem jikkonsolida l-proċedimenti kontra diversi impjegati, tidher li ma tiġrix fil-prattika fi kwistjonijiet ta' kuntratti individwali ta' impjieg;

- il-possibbiltà li jiġi konkluż ftehim dwar l-għażla tal-qorti għal tilwim dwar kirjiet ta' bini għal użu professjonali, u
- l-informazzjoni mandatorja lil konvenut li jidher quddiem qorti dwar il-konsegwenzi legali ta' nuqqas ta' kontestazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-qorti.

### 3.2. Bażi legali

Din il-proposta temenda r-Regolament 44/2001, li kien ibbażat fuq l-Artikoli 61(c) u 67(1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. Mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-bażi legali li tikkorrispondi hija l-Artikolu 81(2)(a), (c) u (e) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

It-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea mhuwiex applikabbli għad-Danimarka minħabba l-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattati. Madankollu, ir-regoli tar-Regolament 44/2001 ġew estiżi għad-Danimarka bis-saħħa tal-ftehim tad-19 ta' Ottubru 2005 bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali. Dan il-ftehim fih ukoll mekkaniżmu li jippermetti lid-Danimarka tapplika kull strument li jimmodifika r-Regolament 44/2001.

It-Titolu V mhuwiex ukoll applikabbli għar-Renju Unit u l-Irlanda, sakemm dawk iż-żewġ pajjiżi ma jiddeċidux mod ieħor, skont ir-regoli relevanti tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tagħhom rigward iż-żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja.

### 3.3. Sussidjarjetà u Proporzjonalità

L-elementi differenti tar-reviżjoni deskritti hawn fuq jirrispettaw il-ħtiġijiet ta' sussidjarjetà u proporzjonalità. Rigward is-sussidjarjetà, l-abolizzjoni tal-*exequatur* ma tistax issir mill-Istati Membri minħabba li l-proċedura ġiet armonizzata mir-Regolament Brussell I u tista', għalhekk, tiġi emendata biss permezz ta' regolament. L-istess raġunament japplika għat-titjib tar-regoli eżistenti dwar il-ġurisdizzjoni u l-Kordinazzjoni tal-proċedimenti bejn l-Istati Membri. Rigward l-armonizzazzjoni proposta tal-ġurisdizzjoni residwa tal-Istati Membri, id-diverġenza li hemm bħalissa fost ir-regoli nazzjonali toħloq kundizzjonijiet tas-suq li mhumiex indaqs għall-kumpaniji li huma involuti fi tranżazzjonijiet ma' partijiet barra l-UE. Hija biss leġiżlazzjoni fil-livell Ewropew li tista' toħloq kundizzjonijiet indaqs. Finalment, rigward il-konnessjoni mal-arbitraġġ, l-Istati Membri waħidhom ma jistgħux jiżguraw li l-proċedimenti ta' arbitraġġ fi ħdan Stat Membru wieħed ikunu Kordinati kif xieraq ma' proċedimenti li jkunu għaddejjin fi Stat Membru ieħor minħabba li l-effett tal-leġiżlazzjoni nazzjonali huwa limitat mill-prinċipju ta' territorjalità. Għaldaqstant hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-UE.

Il-valutazzjoni tal-impatt annessa ma' din il-proposta turi li l-benefiċċji ta' kull waħda mill-emendi proposti jiżbqu l-ispejjeż u li l-miżuri proposti huma għaldaqstant proporzjonati.

## 3.4. Impatt fuq id-drittijiet fundamentali

Kif spjegat fid-dettall fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta u skont l-Istrateġija tal-Unjoni għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea[8], l-elementi kollha tar-riforma jirrispettaw id-drittijiet li jinsabu fil-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem u, b'mod partikolari, id-dritt għal rimedju effettiv u d-dritt għal proċess imparzjali garantiti fl-Artikolu 47 tagħha. Huma jgħollu wkoll il-livell tal-protezzjoni tal-konsumatur msemmi fl-Artikolu 38. L-abolizzjoni tal-*exequatur* se sseħħ flimkien mal-ħolqien ta' proċeduri speċjali ta' reviżjoni li jiżguraw li l-konvenut ikollu rimedju effettiv u li sentenza li ma tirrispettax id-dritt tiegħu għal proċess imparzjali jew id-drittijiet tad-difiża tiegħu ma jkollhiex effett fil-konfront tiegħu. It-tibdiliet previsti għas-sistema legali internazzjonali se jtejbu l-aċċess għall-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea għaċ-ċittadini, b'mod partikolari l-partijiet l-aktar dgħajfa, u l-kumpaniji. L-eliminazzjoni tal-possibbiltajiet li jiġi evitat ftehim dwar l-għażla tal-qorti jew ftehim ta' arbitraġġ tnaqqas ir-riskju ta' proċedimenti paralleli u b'hekk ittejjeb l-effiċjenza ġenerali tal-ġustizzja u l-libertà tal-intrapriża msemmija fl-Artikolu 16 tal-Karta. Fl-aħħarnett, m'hemm xejn f'dan ir-Regolament li għandu effett fuq id-dritt fundamentali tal-ħaddiema u ta' min iħaddem, jew l-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom, li jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet kollettivi u, f'każijiet ta' kunflitti ta' interessi, li jieħdu azzjoni kollettiva biex jiddefendu l-interessi tagħhom, inkluża azzjoni ta' strajk, kif imsemmi fl-Artikolu 28 tal-Karta.

---

8 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, COM(2010) 573 finali tad-19.10.2010.

↓ 44/2001

2010/xxxx (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT ~~TAL-KUNSILL (KE) Nru 44/2001~~ TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**~~tat-22 ta' Diċembru 2000~~**

**dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali**

**(Riformulazzjoni)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

↓ 44/2001 (adattat)

Wara li kkunsidraw it-Trattat ~~li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~ ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫ , u b'mod partikolari l-Artikolu ~~61(c)~~ ⌦ 67(4) ⌫ u l-Artikolu ~~67(1)~~ ⌦ 81(2)(a), (c), u (e) ⌫ tiegħu,

↓ 44/2001

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea[9],

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

~~Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[10],~~

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[11],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

⇩ ġdid

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u

9 ~~ĠU C 376, 28.12.1999, p. 1.~~

10 ~~L-opinjoni mogħtija fil-21 ta' Settembru 2000 (li għadha ma ġietx ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).~~

11 ~~ĠU C 117, 26.4.2000, p. 6.~~ ĠU C […], […], p. […].

kummerċjali[12] ġie emendat diversi drabi[13]. Peress li għandhom isiru aktar emendi, għandu jiġi riformulat fl-interessi taċ-ċarezza.

---

🡻 44/2001 premessa 1 (adattat)

(2) Il-Komunità ⌦ L-Unjoni ⌫ poġġiet quddiemha stabbilixxiet għaliha nfisha l-għan li tmantni u tiżviluppa żona ta' ħelsien, sigurtà u ġustizzja, li fiha jiġi żgurat il-moviment ħieles ta' persuni ⌦ li tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja, b'mod partikolari permezz tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili ⌫. Sabiex tiġi stabbilita ftit ftit din iż-żona, il-Komunità ⌦ l-Unjoni ⌫ trid għandha tadotta, fost affarijiet oħra, il-miżuri li għandhom x'jaqsmu ma' mal-koperazzjoni ġudizzjarja fmaterji fi kwistjonijiet ċivili ⌦ , b'mod partikolari meta jkunu ⌫ meħtieġa għall-operat tajjeb ⌦ għat-tħaddim xieraq ⌫ tas-suq intern.

---

🡻 44/2001 premessa 2
⇨ ġdid

(3) Ċerti differenzi bejn regoli nazzjonali li jirregolaw il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent ta' sentenzi jfixklu l-operat tajjeb tas-suq intern. Disposizzjonijiet biex jiġu unifikati r-regoli ta' kunflitt ta' ġurisdizzjoni fmaterji fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali u sabiex jħaffu l-formalitajiet bl-iskop ⇨ jiżguraw ⇦ ta' għarfien u eżekuzzjoni malajr u sempliċi u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi minn Stati Membri marbuta b'dan ir-Regolament huma essenzjali.

---

🡻 44/2001 premessa 3 (adattat)

(4) Din iż-żona Dan il-qasam tjinsab fil-qasam ta' koperazzjoni ġudizzjarja fmaterji fi kwistjonijiet ċivili fil-qofol tat fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 65 ⌦ 81 ⌫ tat-Trattat ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫ .

---

🡻 44/2001 premessa 6 (adattat)

(5) Sabiex jintlaħaq l-objettiv ta' moviment liberu tas-sentenzi fmaterji fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, huwa meħtieġ u xieraq li r-regoli li jirregolaw il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi jkunu regolati minn strument legali tal-Komunità ⌦ Unjoni ⌫ li jkun jorbot u direttament applikabbli.

---

🡻 44/2001 premessa 4 (adattat)

(6) ⌦Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jista' jintlaħaq aħjar fuq livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri⌫, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. ⌦ Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak il-għan. ⌫

---

12 ĠU L 012, 16.1.2001, p. 1.
13 Ara l-Anness VII.

↓ 44/2001 premessa 5 (adattat)

(7) Fis-27 ta' Settembru 1968 l-Istati Membri, permezz tal-Artikolu 293, ir-raba' indent, tat-Trattat ⌦ li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ⌫ , ikkonkludew il-Konvenzjoni ta' Brussell dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, kif emendata bil-Konvenzjonijiet dwar l-Għaqda ta' Stati Membri Ġodda għal dik il-Konvenzjoni (minn hawn 'il quddiem ~~imsemmija bħala~~ il-"Konvenzjoni ta' Brussell")[14]. Fis-16 ta' Settembru 1988 l-Istati Membri u l-Istati EFTA kkonkludew il-Konvenzjoni ta' Lugano dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, li hija Konvenzjoni parallela għal Konvenzjoni ta' Brussell tal-1968.

⇩ ġdid

(8) Fit-22 ta' Diċembru 2000, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 44/2001 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, li ssostitwixxa l-Konvenzjoni ta' Brussell fost l-Istati Membri kollha minbarra d-Danimarka, sa fejn kienet tikkonċerna t-territorju tal-Unjoni. Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/325/KE tas-27 ta' April 2006, l-Unjoni kkonkludiet ftehim mad-Danimarka li jiżgura l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 44/2001 fid-Danimarka. Il-Konvenzjoni ta' Lugano tal-1988 ġiet riveduta mill-Konvenzjoni ta' Lugano dwar il-Ġurisdizzjoni u r-Rikonoxximent ta' Sentenzi fi Kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali, li ġiet konkluża fit-30 ta' Ottubru 2007 mill-Unjoni, id-Danimarka u l-Istati tal-EFTA[15]. Għandu jiġi żgurat li jkun hemm kontinwità fl-interpretazzjoni ta' dawn il-Konvenzjonijiet u dan ir-Regolament.

(9) Fl-21 ta' April 2009, il-Kummissjoni adottat rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 44/2001[16]. Ir-rapport ikkonkluda li, b'mod ġenerali, it-tħaddim tar-Regolament kien sodisfaċenti, iżda, li jkun tajjeb li titjieb l-applikazzjoni ta' wħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu, li jiġi ffaċilitat ulterjorment il-moviment liberu tas-sentenzi u li jitjieb ulterjorment l-aċċess għall-ġustizzja.

↓ 44/2001 premessa 7 (adattat)

(10) ~~L-iskop~~ Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jkopri l-~~materji~~ kwistjonijiet prinċipali ċivili u kummerċjali kollha apparti minn ċerti ~~materji~~ kwistjonijiet ~~jkunu ġew~~ definiti sewwa. ⌦ Fid-dawl tal-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-Koperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment, dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. ⌫

---

14 ĠU L 299, 31.12.1972, p. 32. ĠU L 304, 30.10.1978, p. 1. ĠU L 388, 31.12.1982, p. 1. ĠU L 285, 3.10.1989, p. 1. ĠU C 15, 15.1.1997, p. 1. Għal test konsolidat, ara ĠU C 27, 26.1.1998, p. 1.

15 ĠU L 339, 21.12.2007, p. 1.

16 Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali

⇩ ġdid

(11) Dan ir-Regolament ma japplikax għall-arbitraġġ, ħlief fil-każ limitat li hemm dispożizzjoni dwaru fih. B'mod partikolari, ma japplikax għall-forma, eżistenza, validità jew effetti ta' ftehimiet ta' arbitraġġ, is-setgħat tal-arbitri, il-proċedura quddiem it-tribunali ta' arbitraġġ u l-validità, l-annullament, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet ta' arbitraġġ.

---

🡻 44/2001 premessa 8

~~Għandu jkun hemm rabta bejn il-proċedimenti li dwarhom japplika dan ir-Regolament u t-territorju ta' l-Istati Membri marbuta b'dan ir-Regolament. Għahekk, regoli komuni ta' ġurisdizzjoni għandhom, bħala prinċipju, japplikaw meta l-konvenut jkun domiċiljat f'wieħed minn dawn l-Istati Membri.~~

---

🡻 44/2001 premessa 9

~~Konvenut li ma jkunx domiċiljat fi Stat Membru huwa ġeneralment suġġett għar-regoli nazzjonali ta' ġurisdizzjoni applikabbli fit-terrirorju ta' l-Istat Membru tal-qorti li teżamina l-każ, u konvenut li jkun domiċiljat fi Stat Membru li ma jkunx marbut b'dan ir-Regolament għandu jibqa' suggett għal Konvenzjoni ta' Brussel.~~

---

🡻 44/2001 premessa 10

~~Għall-iskopijiet ta' moviment ħieles ta' sentenzi, sentenzi mgħotija fi Stat Membru marbut b'dan ir-Regolament għandhom jiġu rikonoxxuti u eżegwiti fi Stat Membru ieħor marbut b'dan ir-Regolament, anki jekk id-debitur fis-sentenza jkun domiċiljat fi Stat terz.~~

---

🡻 44/2001 premessa 11

(12) Ir-regoli ta' ġurisdizzjoni għandhom ~~jiġu mbassra minn qabel~~ ikunu prevedibbli ħafna u stabbiliti fuq il-prinċipju li l-ġurisdizzjoni hija ġeneralment ibbażata fuq id-domiċilju tal-konvenut u l-ġurisdizzjoni għandha dejjem tkun disponibbli fuq ~~dan il-lat~~ il-bażi ta' din ir-raġuni ħlief għal ftit sitwazzjonijiet definiti sewwa li fihom is-suġġett ~~tal-materja tal-litigazzjoni~~ tat-tilwima jew ta' awtonomija tal-partijiet ~~tkun teħtieġ~~ ikunu jeħtieġu fattur ta' konnessjoni differenti. Id-domiċilju ta' persuna ġuridika għandu jiġi definit b'awtonomija u b' hekk jagħmel ir-regoli komuni aktar trasparenti u jevita kunflitti ta' ġurisdizzjoni.

---

🡻 44/2001 premessa 12
⇨ ġdid

(13) B'żieda mad-domiċilju tal-konvenut, għandu jkun hemm ~~bażi~~ raġunijiet alternattiv~~a~~i ta' ġurisdizzjoni bbażat~~a~~i fuq rabta mill-qrib bejn il-qorti u l-azzjoni jew sabiex tkun iffaċilitata l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. ⇨ L-eżistenza ta' rabta mill-qrib għandha tiżgura ċ-ċertezza legali u tevita li titressaq kawża kontra l-konvenut quddiem qorti ta' Stat Membru li dan il-konvenut ma setax raġonevolment jipprevedi. Dan hu importanti b'mod partikolari fir-rigward ta' tilwim li jirriżulta minn obbligi mhux

kuntrattwali li jirriżultaw minn vjolazzjonijiet tal-privatezza u tad-drittijiet relatati mal-personalità, inkluża l-malafama. ⇦

---

| ➔ 44/2001 premessa 13 (adattat) |
|---|

(14) B'relazzjoni ma' assigurazzjoni, kuntratti tal-konsumatur u impjieg, il-parti l-anqas b'saħħitha għandha tiġi mħarsa b'regoli ta' ġurisdizzjoni l-aktar favorevoli għall-interessi tiegħu tagħha milli hemm provduti fir-regoli ġenerali.

---

| ➔ 44/2001 premessa 14 |
|---|

(15) L-awtonomija tal-partijiet f'kuntratt, apparti minn kuntratt ta' assigurazzjoni, konsumatur jew kuntratt ta' impjieg, fejn tiġi permessa biss awtonomija limitata sabiex jiġu determinati l-qrati li għandhom ġurisdizzjoni, għandha tiġi rispettata skont il-bażi ir-raġunijiet esklussivi ta' ġurisdizzjoni mitluba stabbiliti f'dan ir-Regolament.

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(16) Sabiex jiġu promossi l-interessi tar-rikorrenti u l-konvenuti u tiġi promossa l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja fi ħdan l-Unjoni, il-fatt li l-konvenut huwa domiċiljat fi Stat terz m'għandux jibqa' jfisser li ċerti regoli tal-Unjoni dwar il-ġurisdizzjoni ma jiġux applikati u ma għadx għandu jkun hemm xi referenza għal-liġi nazzjonali.

(17) Dan ir-Regolament għandu għaldaqstant jistabbilixxi sensiela kompleta ta' regoli dwar il-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati tal-Istati Membri. Ir-regoli eżistenti dwar il-ġurisdizzjoni jiżguraw li hemm rabta mill-qrib bejn il-proċedimenti li japplika għalihom ir-Regolament u t-territorju tal-Istati Membri li tiġġustifika l-estensjoni tagħhom għall-konvenuti irrispettivament minn fejn jinsab id-domiċilju tagħhom. Barra minn dan, dan ir-Regolament għandu jiddetermina l-każijiet li fihom qorti ta' Stat Membru tista' teżerċita ġurisdizzjoni sussidjarja.

---

| ➔ 44/2001 premessa 15 |
|---|

(18) Fl-interessi tal-amministrazzjoni armonizzata armonjuża tal-ġustizzja huwa meħtieġ li titnaqqas il-possibbiltà ta' proċedimenti simultanji u biex jkun assigurat li ma jiġux mogħtija ġudizzji deċiżjonijiet irrikonċiljabbli f'żewġ Stati Membri. Għandu jkun hemm mekkaniżmu ċar u effettiv sabiex jiġu riżolti każijiet ta' *lis pendens* u azzjonijiet relatati u għal problemi ovvji biex jiġu eliminati problemi li jirriżultaw minn differenzi nazzjonali dwar id-determinazzjoni taż-żmien meta jiġi rreġistrat każ bħala pendenti. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament dak iż-żmien għandu jiġi definit b'mod awtonomu.

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(19) L-effettività ta' ftehimiet dwar l-għażla tal-Qorti għandha titjieb sabiex jingħata effett sħiħ lir-rieda tal-partijiet u sabiex jiġu evitati tattiċi ta' tilwim abbużivi. Dan ir-Regolament għandu għaldaqstant jagħti prijorità lill-qorti magħżula fil-ftehim biex

tiddeċiedi dwar il-ġurisdizzjoni tagħha, irrispettivament minn jekk kinitx l-ewwel jew it-tieni qorti li quddiemha tressqet il-kawża.

(20) L-effettività tal-ftehimiet ta' arbitraġġ għandha wkoll tittejjeb sabiex jingħata effett sħiħ lir-rieda tal-partijiet. Dan għandu jkun il-każ, b'mod partikolari, meta s-sede miftiehma jew magħżula ta' arbitraġġ tkun fi Stat Membru. Dan ir-Regolament għandu għalhekk jinkludi regoli speċjali li jkollhom l-għan li jevitaw proċedimenti paralleli u tattiċi ta' tilwim abbużivi f'dawk iċ-ċirkustanzi. Is-sede tal-arbitraġġ għandha tirreferi għas-sede magħżula mill-partijiet jew is-sede magħżula minn tribunal tal-arbitraġġ, minn istitut tal-arbitraġġ jew minn kull awtorità oħra magħżula mill-partijiet direttament jew indirettament.

(21) Għandu jkun hemm mekkaniżmu flessibbli li jippermetti lill-qrati fl-Istati Membri li jqisu proċedimenti pendenti quddiem il-qrati ta' Stati terzi, u jikkunsidraw, b'mod partikolari, l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u jekk sentenza ta' Stat terz tkunx tista' tiġi rikonoxxuta u eżegwita f'dak l-Istat Membru jew le.

(22) Il-kunċett ta' miżuri provviżorji, inklużi miżuri kawtelatorji, għandu jiġi ċċarat. Dawn għandhom jinkludu, b'mod partikolari, ordnijiet kawtelatorji li jkollhom l-għan li tinkiseb informazzjoni jew li jiġu ppreservati provi, li għalhekk ikopru l-ordnijiet ta' tiftix u ta' qbid imsemmija fl-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali[17]. M'għandhomx jinkludu miżuri li ma jkunux ta' natura protettiva bħal miżuri li jordnaw is-smigħ ta' xhud bil-għan li l-applikant ikun jista' jiddeċiedi jekk iressaqx kawża jew le.

---

🡻 44/2001 premessa 16

~~Il-fiduċja reċiproka fl-amministrazzjoni ta' ġustizzja fil-Komunità tiġġustifika illi sentenzi mogħtija fi Stat Membru jiġu awtomatikament rikonoxxuti mingħajr il-ħtieġa ta' xi proċedura ħlief f'każijiet ta' tilwim.~~

---

🡻 44/2001 premessa 17

~~Bis-saħħa ta' l-istess prinċipju ta' fiduċja reċiproka, il-proċedura sabiex tiġi eżegwita fi Stat Membru wieħed sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor għandha tkun effiċjenti u malajr. Għal dan il-għan, id-dikjarazzjoni li ġudizzju huwa eżegwibbli għandha ssir virtwalment awtomatikament wara verifiki puramenti formali tad-dokumenti pprovduti, mingħajr ma jkun hemm possibiltà li l-qorti li tqajjem b'mozzjoni tagħha uħud mir-raġunijiet għan-non eżekuzzjoni b'dan ir-Regolament.~~

---

🡻 44/2001 premessa 18

~~B'dana kollu, rispett għad-drittijiet tal-konvenut għandu jfisser illi l-konvenut għandu jkun jista' jappella fi proċedura avversarja, kontra d-dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni, jekk jikkonsidra wieħed mir-raġunijiet ta' non-eżekuzzjoni li jkunu preżenti. Proċeduri ta' rimedju għandhom~~

---

[17] ĠU L 157, 30.4.2004, p. 45.

~~ikunu disponibbli wkoll għal min iressaq il-każ meta l-applikazzjoni tiegħu għal dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni tkun ġiet miċħuda.~~

---

⇩ ġdid

(23) Il-fiduċja reċiproka fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja fl-Unjoni u l-għan li t-tilwim transkonfinali jirriżulta f'inqas ħela ta' ħin u spejjeż tiġġustifika l-abolizzjoni tal-miżuri intermedji eżistenti li għandhom jittieħdu qabel l-eżekuzzjoni fl-Istat Membru fejn qed tintalab l-eżekuzzjoni. B'hekk, sentenza li tingħata mill-qrati ta' Stat Membru għandha, għall-finijiet tal-eżekuzzjoni, tiġi ttrattata daqs li kieku kienet ingħatat fl-Istat Membru fejn tkun qed tintalab l-eżekuzzjoni. Madankollu, fid-dawl tad-diverġenzi bejn is-sistemi tal-Istati Memrbi u s-sensittività partikolari ta' kwistjonijiet relatati ma' malafama u ma' kumpens miksub fi proċedimenti kollettivi, il-proċedura attwali għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni għandha għalissa tinżamm għas-sentenzi mogħtija dwar kwistjonijiet bħal dawn, sakemm ma jkun hemm żviluppi ulterjuri f'dan il-qasam. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjoni speċifika li tirrigwarda l-malafama għandha tikkorrispondi mal-kamp ta' applikazzjoni tal-esklużjoni ta' din il-kwistjoni fir-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II)u għandu jiġi interpretat bl-istess mod. Id-dispożizzjonijiet li jabolixxu miżuri ta' eżekuzzjoni intermedji għandhom jiġu estiżi għal sentenzi li jordnaw kumpens fi proċedimenti kollettivi fil-każ tal-adozzjoni ta' miżuri għall-armonizzazzjoni jew l-approzzimazzjoni tar-regoli proċedurali applikabbli għal proċedimenti bħal dawn. Estensjoni bħal din għandha tkun mingħajr ħsara għall-possibbiltà tal-Kummissjoni li tipproponi l-abolizzjoni ta' miżuri intermedji fil-każ ta' proċedimenti kollettivi għad-danni, anki fin-nuqqas ta' miżuri ta' armonizzazzjoni jew ta' approssimazzjoni bħal dawn, ladarba tiġi vverifikata l-effiċjenza ta' dan u li jiġi vverifikat li żvilupp bħal dan ikun aċċettabbli fis-sistema ġudizzjarja Ewropea.

(24) L-abolizzjoni ta' miżuri intermedji għandha tkun akkumpanjata minn salvagwardji neċessarji li jkollhom l-għan, b'mod partikolari, li jiżguraw rispett sħiħ għad-drittijiet tad-difiża u proċess imparzjali, kif ġie stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Dan jeħtieġ l-istabbiliment, fl-istadju tal-eżekuzzjoni, ta' rimedji straordinarji għall-benefiċċju ta' konvenuti li ma jidhrux minħabba nuqqas ta' notifika jew li b'xi mod ieħor ġarrbu difetti proċedurali fil-proċedimenti quddiem il-qorti tal-oriġini li jistgħu jammontaw għal ksur tal-Artikolu 47 tal-Karta.

(25) It-tneħħija ta' miżuri intermedji teħtieġ adattament tal-moviment liberu ta' miżuri provviżorji inklużi miżuri kawtelatorji. Meta miżuri bħal dawn ikunu ordnati minn qorti li jkollha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tat-tilwima, l-moviment liberu tagħhom għandu jkun żgurat. Meta, madankollu, miżuri bħal dawn jiġu adottati minn qorti li ma jkollhiex ġurisdizzjoni fuq il-mertu, l-effett ta' dwan il-miżuri għandu jkun limitat għat-territorju ta' dak l-Istat Membru. Barra min dan, il-moviment liberu ta' miżuri ordnati *ex parte* għandu jkun biss permess jekk ikun akkumpanjat minn salvagwardji xierqa.

➜ 44/2001 premessa 19 (adattat)

(26) Għandha tiġi żgurata l-kontinwità bejn il-Konvenzjoni ta' Brussell u dan ir-Regolament, u għandhom jiġu stipulati disposizzjonijiet tranżitorji għal dan il-għan. L-istess ħtieġa għal kontinwità tapplika għall-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Brussell ⌦ u r-Regolamenti li jissostitwixxuha ⌫ mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-~~Komunitajiet Ewropej~~ ⌦ Unjoni Ewropea ⌫ ~~u tal-Protokolli tal-1971[18] għandhom jibqgħu japplikaw ukoll f'każijiet diġa pendenti meta dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ~~.

⇩ ġdid

(27) Dan ir-Regolament għandu jiżgura rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali kif jinsabu fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali garantiti fl-Artikolu 47 tal-Karta. Xejn f'dan ir-Regolament m'għandu jaffettwa l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni (Artikolu 11), id-dritt għal ħajja privata u tal-familja (Artikolu 7) jew id-dritt tal-ħaddiema u ta' min iħaddem, jew tal-organizzazzjonijiet tagħhom, skont id-dritt tal-Unjoni u d-dritt u l-prattiki nazzjonali, li jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet kollettivi fil-livelli approprjati u, f'każijiet ta' kunflitti ta' interess, li jieħdu azzjoni kollettiva biex jiddefendu l-interessi tagħhom inkluża azzjoni li tinvolvi strajk (Artikolu 28).

➜ 44/2001 premessa 20 (adattat)
⇨ ġdid

(28) Ir-Renju Unit u l-Irlanda, skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat ~~li jistabilixxi il-Komunità Ewropea~~ ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫ , ~~taw avviż tax-xewqa tagħhom li jieħdu~~ ⌦ ħadu ⌫ sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' ~~dan ir~~ tar-Regolament (KE) Nru 44/2001. ⇨ Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, [ir-Renju Unit u l-Irlanda nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]/[bla ħsara għall-Artikolu 4 tal-imsemmi Protokoll, ir-Renju Unit u l-Irlanda mhumiex se jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhumiex marbutin minnu jew suġġetti għall-applikazzjoni tiegħu] ⇦ .

➜ 44/2001 premessa 21 (adattat)
⇨ ġdid

(29) Id-Danimarka, skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat ~~li jistabilixxi l-Komunità Ewropea~~ ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫ , ma tipparteċipax fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, u għalhekk mhix marbuta bl-applikazzjoni tiegħu jew suġġetta

[18] ~~ĠU L 204, 2.8.1975, p. 28. ĠU L 304, 30.10.1978, p. 1. ĠU L 388, 31.12.1982, p. 1. ĠU L 285, 3.10.1989, p. 1. ĠU C 15, 15.1.1997, p. 1. Għal test ikkonsolidat ara ĠU C 27, 26.1.1998, p. 28.~~

għalih ⇨ , bla ħsara għall-possibbiltà tad-Danimarka li tapplika l-emendi għar-Regolament (KE) Nru 44/2001 skont l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, li ġie konkluż fid-19 ta' Ottubru 2005[19] ⇦.

---

🡻 44/2001 premessa 22

~~La darba l-Konvenzjoni ta' Brussel tibqa' fis-seħħ fir-relazzjonijiet bejn id-Danimerka u l-Istati Membri li huma marbuta b'dan ir-Regolament, kemm il-Konvenzjoni kif ukoll il-Protokoll tal-1971 jibqgħu applikabbli bejn id-Danimarka u l-Istati Membri marbuta b'dan ir-Regolament.~~

---

🡻 44/2001 premessa 23 (adattat)

(30) Il-Konvenzjoni ta' Brussell tibqa' ~~wkoll~~ tapplika għat-territorji tal-Istati Membri li jaqgħu ~~taħt~~ ~~l-iskop~~ fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-Konvenzjoni u li huma esklużi minn dan ir-Regolament bis-saħħa tal-Artikolu ~~299~~ ⌦ 355 ⌫ tat-Trattat ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫ .

---

🡻 44/2001 premessa 24 (adattat)

(31) L-istess għal raġunijiet ta' konsistenza, dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa r-regoli li jirregolaw il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent ta' sentenzi li jinstabu fi strumenti speċifiċi ~~tal-Komunità~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ .

---

🡻 44/2001 premessa 25

(32) Ir-rispett għall-impenji internazzjonali li kienu daħlu għalihom l-Istati Membri jfisser li dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa konvenzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' ~~materji~~ kwistjonijiet speċifiċi li għalihom huma partijiet l-Istati Membri.

---

🡻 44/2001 premessa 26

~~Il-flessibilità meħtieġa għandha tiġi pprovduta għar-regoli bażiċi ta' dan ir-Regolament sabiex jittieħdu in konsiderazzjoni r-regoli proċedurali speċifiċi f'ċerti Stati Membri. Ċerti disposizzjonijiet tal-Protokoll anness mal-Konvenzjoni ta' Brussel għandhom jiġu għalhekk inkorporati f'dan ir-Regolament.~~

---

🡻 44/2001 premessa 27

~~Sabiex titħalla armonizazzjoni transitorja f'ċerti oqsma li kienu s-suġġett ta' disposizzjonijiet speċjali fil-Protokoll anness mal-Konvenzjoni ta' Brussel, dan ir-Regolament jesiġi, għal perjodu transitorju, disposizzjonijiet li jieħdu konsiderazzjoni tas-sitwazzjoni speċifika f'ċerti Stati Membri.~~

[19] ĠU L L 299, 16.11.2005, p. 62.

🡻 44/2001 premessa 28 (adattat)

~~Mhux aktar tard minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikabilità tiegħu u, jekk ikun hemm bżonn, tissottometti proposti għal xi tibdil.~~

🡻 44/2001 premessa 29

~~Il-Kummissjoni għandha tbiddel l-Annessi I sa IV dwar ir-regoli ta' ġurisdizzjoni nazzjonali, il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti u proċeduri ta' rimedju disponibbli fuq il-bażi ta' l-emendi mressqa mill-Istat Membri kkonċernat; emendi magħmula għal l-Annessi V u VI għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tesiġi l-proċeduri dwar l-eżerċizzju ta' poteri ta' implementazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni[20].~~

⇩ ġdid

(33) Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-finijiet tal-aġġustament tal-Annessi I, II, V, VI u VII.

🡻 44/2001 (adattat)

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

## KAMP TA' APPLIKAZZJONI ⌦ U DEFINIZZJONIJIET ⌫

🡻 44/2001 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 1*

1. Dan ir-Regolament għandu japplika ~~f'materji~~ fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali independentament min-natura tal-qorti jew tat-tribunal. M'~~għandhiex~~ għandux ~~tapplika~~ japplika, b'mod partikolari, għal ~~materji~~ kwistjonijiet ta' dħul ta' finanzi, tad-dwana jew amministrattivi.

2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal:

(a) l-istatus jew il-kapaċità ġuridika ta' persuni fiżiċi, id-drittijiet fuq proprjetà derivanti minn relazzjonijiet matrimonjali, testmenti u suċċessjoni;

[20] ~~ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.~~

(b) il-falliment, proċedimenti relatati mal-istralċ ta' kumpaniji insolventi jew ta' persuni ġuridiċi oħra, arranġamenti ġudizzjarji, ~~kompożizzjonijet~~ ftehimiet u proċedimenti analogi;

(c) is-sigurtà soċjali;

(d) l-arbitraġġ ⇨ , ħlief kif hemm dispożizzjoni dwaru fl-Artikoli 29 (4) u 33 (3) ⇦ .

---

⇩ ġdid

(e) l-obbligi ta' manteniment li jirriżultaw minn relazzjonijiet tal-familja, ta' parentela, ta' żwieġ jew ta' affinità.

---

🡻 44/2001

3. F'dan ir-Regolament, it-terminu "Stat Membru" jfisser l-Istati Membri bl-eċċezzjoni tad-Danimarka.

*Artikolu ~~3~~2*

Għall-~~iskopijiet~~ finijiet ta' dan ir-Regolament~~,~~:

---

🡻 44/2001 (adattat)

⌦ (a) ⌫ "sentenza" ~~xi~~ kull sentenza mogħtija minn qorti jew tribunal ta' Stat Membru, independentament minn kif tista' tissejjaħ dik is-sentenza, inkluża ~~dikjarazzjoni, ordni, deċiżjoni jew mandat ta' eżekuzzjoni, kif ukoll dwar i~~d-determinazzjoni tan-nefqa u l-ispejjeż minn uffiċjal tal-qorti.

---

⇩ ġdid

Għall-finijiet tal-Kapitolu III, it-terminu "sentenza" jinkludi miżuri provviżorji, inklużi miżuri kawtelatorji ordnati minn qorti li, bis-saħħa ta' dan ir-Regolament ikollha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-kwistjoni. Huwa jinkludi wkoll miżuri ordnati mingħajr ma l-konvenut jiġi mħarrek biex jidher u li huma intiżi biex jiġu eżegwiti mingħajr notifika minn qabel lill-konvenut jekk il-konvenut ikollu d-dritt li jikkontesta l-miżura sussegwentement taħt il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru tal-oriġini;

(b) "miżuri provviżorji, inklużi miżuri kawtelatroji" jinkludi ordnijiet protettivi li jkollhom l-għan li jinkisbu informazzjoni u provi;

(c) "qorti" għandu jinkludi kull awtorità indikata minn Stat Membru bħala li għandha ġurisdizzjoni fuq kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;

(d) "tranżazzjoni ġudizzjarja" jfisser ftehim li ġie approvat minn qorti jew li ġie konkluż quddiem qorti matul il-proċedimenti;

(e) "strument awtentiku" jfisser dokument li ġie abbozzat jew irreġistrat formalment bħala strument awtentiku fl-Istat Membru tal-oriġini u li l-awtentiċità tiegħu:

(i) tkun relatata mal-firma u l-kontenut tal-istrument, u

(ii) ġiet stabbilita minn awtorità pubblika jew minn kwalunkwe awtorità oħra mogħtija s-setgħa għal dak il-għan.

(f) "Stat Membru tal-oriġini" jfisser l-Istat Membru li fih, skont ma jkun il-każ, ingħatat is-sentenza, ġiet approvata jew konkluża it-tranżazzjoni ġudizzjarja, jew ġie stabbilit l-istrument awtentiku;

(g) "Stat Membru tal-eżekuzzjoni" tfisser l-Istat Membru li fih tintalab l-eżekuzzjoni tas-sentenza, tat-tranżazzjoni ġudizzjarja, jew tal-istrument awtentiku;

(h) "qorti tal-oriġini" tfisser il-qorti li tat is-sentenza li għandha tiġi rikonoxxuta u eżegwita.

---

🡻 44/2001

## KAPITOLU II

## ĠURISDIZZJONI

### SEZZJONI 1

### DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu ~~2~~3*

1. Bla preġudizzju għal dan ir-Regolament, persuni b'domiċilju fi Stat Membru għandhom, independentament min-nazzjonalità tagħhom, ~~jiġu mfittxija fil~~ jitressqu quddiem il-qrati ta' dak l-Istat Membru.

2. Persuni li mhumiex ċittadini tal-Istat Membru li fih ikunu domiċiljati għandhom jaqgħu taħt ir-regoli ta' ġurisdizzjoni applikabbli għal ċittadini ta' dak l-Istat.

*Artikolu ~~3~~4*

1. Persuni domiċiljati fi Stat Membru jistgħu ~~jiġi mfittxija fil~~ jitressqu quddiem il-qrati ta' Stat Membru ieħor biss bis-saħħa tar-regoli mniżżla ~~f~~ fis-Sezzjonijiet 2 sa 7 ta' dan il-Kapitolu.

~~2. B'mod partikolari r-regoli ta' ġurisdizzjoni nazzjonali mniżżla f'L-Anness I ma japplikawx kontra tagħhom.~~

---

⇩ ġdid

2. Dawk il-persuni li ma jkunu domiċiljati fl-ebda Stat Membru jistgħu jitressqu quddiem il-qrati ta' Stat Membru biss bis-saħħa tar-regoli stabbiliti fis-Sezzjonijiet 2 sa 8 ta' dan il-Kapitolu.

🡻 44/2001

*Artikolu 4*

1. Jekk il-konvenut ma jkunx domiċiljat fi Stat Membru, il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kull Stat Membru għandha, bla ħsara għall-Artikoli 22 u 23, tkun determinata bil-liġi ta' dak l-Istat Membru.

2. Minħabba li kontra tali konvenut, persuna domiċiljata fi Stat Membru tista', independentament min-nazzjonalità tagħha, tapprofitta ruħha f'dak l-Istat mir-regoli ta' ġurisdizzjoni applikabbli hemmhekk, u b'mod partikolari dawk speċifikati f'L-Anness I, bl-istess metodu bħal ċittadini ta' dak l-Istat.

## SEZZJONI 2

## ĠURISDIZZJONI SPEĊJALI

*Artikolu 5*

🡻 44/2001 (adattat)

Persuna domiċiljata fi Stat Membru tista', fi Stat Membru ieħor, tkun imfittxija ⌦ Il-qrati li ġejjin għandu jkollhom ġurisdizzjoni ⌫ :

1. (a) f'materji fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' xi kuntratt, fil-qrati tal-post tat-twettiq tal-obbligi f'dak il-każ;

🡻 44/2001

(b) għall-iskopijiet ta' din id-disposizzjoni u sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, il-post tat-twettiq tal-obbligi f'dak il-każ għandu jkun:

– fil-każ ta' bejgħ ta' oġġetti, il-post fl-Istat Membru fejn, skont il-kuntratt, l-oġġetti ġew kunsinjati jew suppost li kienu kunsinjati,

– fil-każ ta' provista ta' servizzi, il-post fl-Istat Membru fejn, skont il-kuntratt, ġew provduti jew suppost li kienu provduti s-servizzi,

(c) jekk sub-paragrafu il-punt (b) ma japplikax, japplika s-sub-paragrafu l-punt (a);

2. f'materji li għandhom x'jaqsmu ma' manteniment, fil-qrati tal-post ta' fejn il-kreditur tal-manteniment ikollu d-domiċilju jew ir-residenza abitwali tiegħu jew, jekk il-materja tagħmel parti minn proċedimenti li jikkonċernaw l-istatus ta' persuna, fil-qorti li, skond il-liġi tagħha, jkollha l-ġurisdizzjoni li tilqa' dawk il-proċedimenti, sakemm dik il-ġurisdizzjoni tkun ibbażata biss fuq in-nazzjonalità ta' wieħed mill-partijiet;

➔ 44/2001 (adattat)

32. fmaterji fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' tort, delitt jew kważi delitt, fil-qrati tal-post fejn l-effett tal-ħsara jkun twettaq jew jista' jitwettaq;

⇩ ġdid

3. rigward drittijiet *in rem* jew il-pussess ta' proprjetà mobbli, il-qrati għall-post fejn tkun tinsab il-proprjetà;

➔ 44/2001 (adattat)

4. f'dak li għandu x'jaqsam ma' talba għad-danni jew restituzzjoni bbażata fuq att li jagħti bidu għal proċedimenti kriminali, fil-qorti li jkollha l-pussess ta' jitressqu quddiemha dawk il-proċedimenti, sal-limitu li dik il-qorti jkollha ġurisdizzjoni permezz tal-liġi tagħha li tilqa' proċedimenti ċivili bħal dawk;

5. f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjoni li toriġina mill-operazzjonijiet ta' fergħa, aġenzija jew stabbiliment ieħor, fil-qrati tal-post li fih ikunu jinstabu l-fergħa, l-aġenzija jew l-istabbiliment;

6. bħala assiguratur settlor, depositarju trustee jew benefiċjarju ta' depositu trust maħluq bl-operat ta' statut, jew bi strument miktub, jew maħluq verbalment u kkonfermat bil-kitba, fil-qrati tal-Istat Membru li fih ikun iddomiċiljat id-depositu it-trust;

7. f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjoni dwar il-pagament tar-remunerazzjoni mitluba għas-salvataġġ ta' tagħbija jew merkanzija, fil-qorti li jkollha taħt l-awtorità tagħha fuq it-tagħbija jew merkanzija inkwistjoni:

➔ 44/2001

(a) itkun ġiet arrestat ikkonfiskata sabiex jiżgura ikun żgurat dak il-pagament, jew

(b) seta' ġie arrestat setgħet tiġi kkonfiskata, iżda li jkun ingħata pleġġ jew garanzija oħra,

basta illi din id-dispożizzjoni tapplika biss jekk jiġi allegat illi l-konvenut ikollu għandu interess fit-tagħbija jew il-merkanzija jew li kellu tali interess fil-mument tas-salvataġġ.

*Artikolu 6*

➔ 44/2001 (adattat)

Persuna li tkun domiċiljata fi Stat Membru tista' wkoll tiġi mfittxija titfittex bil-qorti:

1. meta tkun ⌦ domiċiljata fi Stat Membru u tkun ⌫ waħda min-numru ta' konvenuti, fil-qrati tal-post fejn kwalunkwe wieħed minnhom ikun domiċiljat, basta illi t-talbiet ikunu marbuta hekk mill-qrib li jkun aktar espedjenti li jinstemgħu u jiġu determinati

flimkien sabiex jevitaw jiġi evitat ir-riskju ta' ġudizzji sentenzi irrikonċiljabbli li jirriżultaw minn proċedimenti separati;

---

↓ 44/2001

2. bħala parti terza f'azzjoni dwar mandat jew garanzija jew f'xi proċedimenti oħra dwar terzi partijiet, fil-qorti li tkun fil-pussess tal- quddiemha jitressqu l-proċedimenti oriġinali, sakemm dawn kinux ġew mibdija biss bl-objbjettiv uniku li titneħħa mill-ġurisdizzjoni tal-qorti kompetenti li tisma' l-każ tagħha;

3. fuq kontrotalba li toriġina mill-istess kuntratt dwar jew fatti li fuqhom kienet ibbażata t-talba oriġinali, fil-qorti li fiha tkun pendenti t-talba oriġinali;

4. f'materji fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratt, jekk l-azzjoni tista' tkun marbuta ma' azzjoni kontra l-istess konvenut f'materji fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' drittijiet *in rem* fuq proprjetà immobbli, fil-qorti tal-Istat Membru li fih tinsab il-proprjetà.

*Artikolu 7*

Meta Bbis-saħħa ta' dan ir-Regolament qorti ta' Stat Membru għandha ġurisdizzjoni f'azzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mar-responsabbiltà mill-użu jew l-operat ta' vapur, dik il-qorti, jew xi qorti oħra sostitwita għal dan l-iskop mil-liġi interna ta' dak l-Istat Membru, għandha wkoll ikollha l-ġurisdizzjoni fuq talbiet għal-limitazzjoni ta' dik ir-responsabbilità.

## SEZZJONI 3

## ĠURISDIZZJONI F'MATERJI FI KWISTJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MA' ASSIGURAZZJONI

*Artikolu 8*

F'materji Fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni, il-ġurisdizzjoni għandha tiġi determinata b'din is-Sezzjoni bla ħsara għall-Artikolu 4 u punt 5 ta' l-Artikolu 5 (5).

*Artikolu 9*

---

↓ 44/2001 (adattat)

1. Assiguratur domiċiljat fi Stat Membru jista' jiġi mfittex:

---

↓ 44/2001 (adattat)

(a) fil-qrati tal-Istat Membru fejn ikun domiċiljat, jew

(b) fi Stat membru ieħor, fil-każ ta' azzjonijiet miġjuba minn dak li jkollu l-polza ta' assigurazzjoni, dak li jkun assigurat jew xi benefiċjarju, fil-qrati tal-post fejn l-attur ikun domiċiljat,

(c) jekk ikun koassiguratur, fil-qrati ta' Stat Membru li fih jinġiebu il-proċedimenti kontra l-assiguratur prinċipali.

2. Assiguratur li ma jkunx domiciljat fi Stat Membru iżda li jkollu fergħa, aġenzija jew xi stabbiliment ieħor f'wieħed mill-Istati Membri għandu, fi kwistjonijiet li jinqalgħu mill-operazzjonijiet tal-fergħa, aġenzija jew stabbiliment, ikun meqjus li jkun domiċiljat f'dak l-Istat Membru.

*Artikolu 10*

F'dak li għandu x'jaqsam ma' assigurazzjoni ta' responsabbilità jew assigurazzjoni fuq propjretà immobbli, l-assiguratur jista' jiġi mfittex ukoll fil-qrati tal-post fejn tkun seħħet il-ħsara. L-istess japplika jekk propjretà mobbli u immobbli taqa' taħt l-istess polza ta' assigurazzjoni u t-tnejn jiġu affettwati ħażin bl-istess kontinġenza.

*Artikolu 11*

1. F'dak li għandu x'jaqsam ma' assigurazzjoni ta' responsabbilità, l-assiguratur jista' wkoll, jekk tippermetti l-liġi tal-qorti, ~~inkluż~~ jiġi kjamat fil-proċedimenti li l-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun ressqet kontra l-assiguratur.

2. L-Artikoli 8, 9 u 10 għandhom japplikaw għall-azzjonijiet miġjuba mill-parti li tkun ġarrbet il-ħsara kontra l-assiguratur, meta ~~jkunu permissibbli~~ tali azzjonijiet diretti jkunu permessi.

3. Jekk il-liġi li tirregola tali azzjonijiet diretti jkun fiha dispożizzjoni li min ikollu polza ta' assigurazzjoni jew dak li jkun assigurat ~~jista' jkun imsieħeb bħala parti mill-azzjoni~~ jista' jiġi kjamat fil-kawża, l-istess qorti għandu jkollha ġurisdizzjoni fuqhom.

*Artikolu 12*

1. Mingħajr preġudizzu għall-Artikolu 11(3), l-assiguratur jista' jressaq proċedimenti biss fil-qrati tal-Istat Membru li fih ~~id-difensur~~ il-konvenut ikun domiċiljat, irrispettivament milli jekk ikunx dak li jkollu l-polza tal-assigurazzjoni, l-assigurat jew il-benefiċjarju.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' din is-Sezzjoni m'għandhomx jaffetwaw id-dritt li titressaq kontrotalba fil-qorti li fiha tkun pendenti, skont din is-Sezzjoni, it-talba oriġinali.

*Artikolu 13*

Id-dispożizzjonijiet ta' din is-Sezzjoni jistgħu jitwarrbu biss bi ftehim:

1. li jkun seħħ wara li tkun qamet il-kwistjoni, jew

2. li jippermetti lil min ikollu polza ta' assigurazzjoni, dak li jkun assigurat jew benefiċjarju li jressaq proċedimenti fi qrati apparti minn dawk indikati f'din is-Sezzjoni, jew

3. li jkun~~u~~ ~~ġew~~ ġie konkluż~~i~~ bejn dak li jkollu l-polza tal-assigurazzjoni u dak li jassigura, li t-tnejn li huma fil-waqt tal-konklużjoni tal-kuntratt ikunu domiciljati jew abitwalment residenti fl-istess Stat Membru, u li jkollu l-~~poter~~ effett li jagħti ġurisdizzjoni ~~fuq~~ lill-qrati ta' dak l-Istat anki jekk l-inċident ta' ħsara kellu jseħħ il-barra mill-Istat, basta illi ftehim bħal dak ma jmurx kontra l-liġi ta' dak l-Istat, jew

4. li jiġi konkluż ma' dak li jkollu polza ta' assigurazzjoni li ma jkunx domiċiljat fi Stat Membru, ħlief sal-limitu li l-assigurazzjoni tkun obbligatorja jew relatata ma' proprjetà immobbli fi Stat Membru, jew

5. li jkun relatat ma' kuntratt ta' assigurazzjoni sakemm ikopri wieħed jew aktar mir-riskji mniżżla fl-Artikolu 14.

*Artikolu 14*

Dawn li ġejjin huma r-riskji msemmija fl-Artikolu 13(5):

1. xi telf jew ħsara għal:

   (a) vapuri tajbin għat-tbaħħir, installazzjonijiet 'il barra mix-xatt jew fuq il-baħar, jew ajruplani, li joriġinaw mill-perikoli li għandhom x'jaqsmu mal-użu tagħhom ~~jew~~ għal skopijiet kummerċjali;

   (b) oġġetti fi tranżitu apparti minn bagalji tal-passiġġieri meta t-transitu jkun jikkonsisti jew jinkludi t-trasport b'tali vapuri jew ajruplani;

2. ~~xi~~ kwalunkwe responsabbilità, apparti minn dik ta' korriment tal-passiġġieri jew telf jew ħsara tal-bagalji tagħhom:

   (a) li ~~joriġinaw~~ toriġina mill-użu jew operat tal-vapuri, installazzjonijiet jew ajruplani li hemm referenza għalihom f'punt 1(a) sakemm, f'dak li għandu x'jaqsam ma' dawn tal-aħħar, il-liġi tal-Istat Membru fejn ikun irreġistrat dak l-ajruplan ma tkunx ~~għamel~~ tipprojbixxi ftehim ~~ipprojbit~~ dwar il-ġurisdizzjoni li jirrigwarda l-assigurazzjoni ta' riskji bħal dawk;

   (b) għal telf jew ħsara ikkawżata lill-oġġetti fi tranżitu kif deskritti f'punt 1(b);

3. ~~xi~~ kwalunkwe telf finanzjarju konness mal-użu jew l-operat ta' vapuri, installazzjonijiet jew ajruplani msemmija f'punt 1(a), b'mod partikolari t-telf ta' tagħbija jew ta' kiri b'*charter*;

4. kull riskju jew interess konness ma' ~~wħud~~ kwalunkwe wieħed minn dawk msemmija f'punti 1 sa 3;

---

↓ 44/2001 (adattat)

5. independentement ~~minn~~ mill-punti 1 sa 4, "ir-riskji kbar" kollha kif definiti ~~fid-Direttiva tal-Kunsill 73/239/KEE[21],~~ Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22] ~~kif emendat bid-Direttivi tal-Kunsill 88/357/KEE[23] u 90/618/KEE[24], kif jistgħu jiġu emendati~~.

---

↓ 44/2001 (adattat)
⇨ ġdid

## SEZZJONI 4

## ĠURISDIZZJONI FUQ KUNTRATTI TAL-KONSUMATUR

*Artikolu 15*

1. ~~F'materji~~ Fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratt konkluż minn xi persuna, il-konsumatur, għal skop li jista' jkun meqjus ~~lil~~ hinn minn negozju jew professjoni tiegħu, il-ġurisdizzjoni għandha tiġi determinata b'din is-Sezzjoni, mingħajr preġudizzju għall-~~Artikolu 4 u~~ ~~punt 5 tal-~~Artikolu 5(5), jekk:

(a) ikun kuntratt ta' bejgħ ta' oġġetti bin-nifs b'termini ta' kreditu; jew

(b) ikun kuntratt għal self li jitħallas bin-nifs, jew għal xi għamla oħra ta' kreditu, magħmula sabiex tiffinanzja l-bejgħ ta' oġġetti; jew

(c) fil-każijiet l-oħra kollha, il-kuntratt ikun ġie konkluż ma' persuna li tinvolvi ruħha f'attivitajiet kummerċjali jew professjonali fl-Istat Membru tad-domiċilju tal-konsumatur jew, ~~b'xi~~ bi kwalunkwe mezzi, ~~tmexxi~~ tidderieġi tali attivitajiet ~~għal~~ lejn dak l-Istat Membru jew ~~għal~~ lejn diversi Stati inkluż dak l-Istat Membru, u ~~li~~ l-kuntratt jidħol fl-~~iskop~~ ambitu ta' attivitajiet bħal dawk.

2. Meta konsumatur jidħol f'kuntratt ma' parti li ma tkunx domiciljata fi Stat Membru iżda illi jkollha fergħa, aġenzija jew xi stabbiliment ieħor f'wieħed mill-Istati Membri, dik il-parti għandha, fi kwistjonijiet li jinqalgħu mill-operazzjonijiet tal-fergħa, aġenzija jew stabbiliment, tkun meqjusa bħala domiċiljata f'dak l-Istat.

3. Din is-Sezzjoni m'għandhiex tapplika għal kuntratt ta' trasport apparti minn kuntratt li, għal prezz inklussiv, jipprovdi għal taħlita ta' vjaġġar u akkomodazzjoni.

---

21 ~~ĠU L 228, 16.8.1973, p. 3. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2000/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 181, 20.7.2000, p. 65).~~
22 ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1.
23 ~~ĠU L 172, 4.7.1988, p. 1. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2000/26/KE.~~
24 ~~ĠU L 330, 29.11.1990, p. 44.~~

*Artikolu 16*

1. Konsumatur jista' jressaq proċedimenti kontra l-parti l-oħra ta' kuntratt jew fil-qrati tal-Istat Membru li fih tkun domiċiljata dik il-parti jew fil-qrati tal-post fejn ikun domiċiljat il-konsumatur.

2. Jistgħu jitressqu proċeduri kontra konsumatur mill-parti l-oħra tal-kuntratt biss fil-qrati tal-Istat Membru li fih ikun domiċiljat il-konsumatur.

3. Dan l-Artikolu m'għandux jaffettwa d-dritt li titressaq kontrotalba fil-qorti li fiha, skont din is-Sezzjoni, tkun pendenti t-talba oriġinali.

*Artikolu 17*

Id-dispożizzjonijiet ta' din is-Sezzjoni jistgħu jitwarrbu biss bi ftehim:

1. li jkun seħħ wara li tkun qamet il-kwistjoni; jew

2. li jippermetti lill-konsumatur li jressaq proċedimenti fi qrati apparti minn dawk indikati f'din is-Sezzjoni; jew

3. li jkun sar mill-konsumatur u l-parti l-oħra tal-kuntratt li t-tnejn li huma fil-waqt tal-konklużjoni tal-kuntratt ikunu domiċiljati jew ikunu abitwalment residenti fl-istess Stat Membru, u li jagħti l-ġurisdizzjoni lill-qrati ta' dak l-Istat Membru, basta li ftehim bħal dak ma jkunx kuntrarju għal-liġi ta' dak l-Istat Membru.

## SEZZJONI 5

## ĠURISDIZZJONI DWAR FUQ KUNTRATTI INDIVIDWALI TAL-IMPJIEG

*Artikolu 18*

1. F'materji kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratti individwali ta' impjieg, il-ġurisdizzjoni għandha tiġi determinata b'din is-Sezzjoni, bla ħsara għall-Artikolu 4 u punt 5 tal-Artikolu 5(5) ⇨ u l-Artikolu 6(1) ⇦.

2. Meta impjegat jidħol f'kuntratt individwali ta' impjieg ma' min jimpjegah u dan tal-aħħar li ma jkunx domiciljat fi Stat Membru iżda li jkollu fergħa, aġenzija jew xi stabbiliment ieħor f'wieħed mill-Istati Membri, dak li jimpjegah għandu, fi kwistjonijiet li jinqalgħu mill-operazzjonijiet tal-fergħa, aġenzija jew stabbiliment, huwa ikun meqjus li jkun huwa domiċiljat f'dak l-Istat Membru.

*Artikolu 19*

---

| ➔ 44/2001 (adattat) |
|---|

Wieħed li jimpjega domiċiljat fi Stat Membru jista' jiġi imfittex:

↓ 44/2001

1. fil-qrati tal-Istat Membru fejn ikun domiċiljat; jew

2. fi Stat Membru ieħor:

↓ 44/2001 (adattat)

(a) fil-qrati tal-post fejn ⌦ jew minn fejn ⌫ l-impjegat abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu jew fil-qrati fl-aħħar post fejn kien jagħmel hekk, jew

↓ 44/2001 (adattat)

(b) jekk l-impjegat ma jkunx jew inkella ma kienx abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu f'pajjiż wieħed, fil-qrati tal-post fejn ikun jinstab jew fejn kien jinstab in-negozju li kien jimpjega lill-impjegat.

*Artikolu 20*

1. Wieħed li jimpjega jista' jressaq proċedimenti biss fil-qrati tal-Istat Membru fejn ikun domiċiljat l-impjegat.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' din is-Sezzjoni m'għandhomx jaffetwaw id-dritt li titressaq kontrotalba fil-qorti li fiha tkun pendenti, skont din is-Sezzjoni, it-talba oriġinali.

*Artikolu 21*

Id-dispożizzjonijiet ta' din is-Sezzjoni jistgħu jitwarrbu biss bi ftehim ~~dwar il-ġurisdizzjoni~~:

1. li jkun seħħ wara li tkun qamet il-kwistjoni; jew

2. li jippermetti lill-impjegat li jressaq proċedimenti fi qrati apparti minn dawk indikati f'din is-Sezzjoni.

## SEZZJONI 6

## ĠURISDIZZJONI ESKLUŻIVA

*Artikolu 22*

↓ 44/2001 (adattat)
⇨ ġdid

Dawn il-qrati li ġejjin għandhom ikollhom ġurisdizzjoni esklussiva~~, independentament mid-domiċilju~~:

1. fi proċedimenti li ~~bħala~~ l-obbjettiv tagħhom ikun drittijiet *in rem* fi proprjetà immobbli jew kirjiet ta' proprjetà immobbli, il-qrati tal-Istat Membru li fih tkun tinstab il-proprjetà. ⌦ Iżda: ⌫

(a) ~~B' dana kollu,~~ fi proċedimenti li jkollhom bħala l-obbjettiv tagħhom kirjiet ta' proprjetà immobbli li jkunu konklużi għal użu privat temporanju għal massimu ta' sitt xhur konsekuttivi, il-qrati tal-Istat Membru li fih ikun domiċiljat il-konvenut għandhom ukoll ikollhom il-ġurisdizzjoni, basta illi l-kerrej ikun persuna naturali u li s-sid tal-kera u l-kerrej ikunu domiċiljati fl-istess Istat Membru ⇨ , jew fil-mument li jkun konkluż il-ftehim jew fil-mument meta jitressqu l-proċedimenti ⇦ ;

---

⇩ ġdid

(b) fi ftehimiet dwar kirjiet ta' bini għal użu professjonali, il-partijiet jistgħu jiftiehmu li qorti jew il-qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 23;

---

🡻 44/2001

2. fi proċedimenti li jkollhom bħala l-obbjettiv tagħhom il-validità tal-kostituzzjoni, in-nullità jew id-dissoluzjoni ta' kumpaniji jew ta' persuni ġuridiċi oħra jew għaqdiet ta' persuni naturali jew ġuridiċi, jew il-validità tad-deċiżjonijiet tal-organi tagħhom, il-qrati tal-Istat Membru li fih il-kumpanija, persuna ġuridika jew għaqda jkollha s-sede tagħhom. Sabiex tiddetermina dik is-sede, il-qorti għandha tapplika r-regoli tagħha tad-dritt internazzjonali privat;

3. fi proċedimenti li jkollhom bħala l-obbjettiv tagħhom il-validità tad-dħul f'reġistri pubbliċi, il-qrati tal-Istat Membru li fih jinżamm ir-reġistru;

---

🡻 44/2001 (adattat)

4. fi proċedimenti li għandhom x'jaqsmu mar-reġistrazzjoni jew validità ta' privattivi, trade marks, disinnji, jew drittijiet oħra simili ~~meħtieġa sabiex~~ li jridu jiġu depożitati jew reġistrati, ⌦ indipendentement minn jekk il-kwistjoni titqajjem permezz ta' azzjoni jew permezz ta' eċċezzjoni[25], ⌫ il-qrati tal-Istat Membru li fih tkun saret l-applikazzjoni għad-depożitu jew ir-reġistrazzjoni, tkun seħħet jew tkun meqjusa li seħħet taħt it-termini ta' strument ~~tal-Komunità~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ jew ta' konvenzjoni internazzjonali ~~huwa meqjus li jkun seħħ~~.

---

🡻 44/2001 (adattat)

Bla ħsara għal ġurisdizzjoni tal-Uffiċju Ewropew tal-~~Patenti~~ Privattivi skont il-Konvenzjoni dwar l-Għoti ta' ~~Patenti~~ Privattivi Ewropej, iffirmata f'Munich fil-5 ta' Ottubru 1973, il-qrati ta' kull Stat Membru għandhom ikollhom il-ġurisdizzjoni

---

25 Note for the translators: the translations, particularly the German and French translation, shall use the wording of the corresponding translations of the decision of the Court of Justice in the matter GAT v. LuK (C-4/03) of 13 July 2006 (summary).

esklussiva, independentament mid-domiċilju, fi proċedimenti li jikkonċernaw ir-reġistrazzjoni jew il-validità ta' xi patent privattiv Ewopew mogħti għal dak l-Istat;

5. fi proċedimenti li għandhom x'jaqsmu mal-eżekuzzjoni ta' sentenzi, il-qrati tal-Istat Membru li fih il-ġudizzju is-sentenza kienet jew li għanduha tiġi eżegwita.

## SEZZJONI 7

## PROROGAZZJONI TAL-ĠURISDIZZJONI

*Artikolu 23*

---

➔ 44/2001 (adattat)
⇨ ġdid

1. Jekk il-partijiet, wieħed jew aktar minnhom ikollu d-domiċilju fi Stat Membru, ikunu qablu li qorti jew qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom ġurisdizzjoni sabiex isolvu xi kwistjonijiet tilwimiet li jkunu qamu jew li jistgħu iqumu inkonnessjoni ma' relazzjoni legali partikolari, dik il-qorti jew dawk il-qrati għandhom ikollhom ġurisdizzjoni ⇨ , sakemm il-ftehim ma jkunx null u bla effett fil-mertu taħt il-liġi ta' dak l-Istat Membru ⇦ . Ġurisdizzjoni bħal dik din għandha tkun esklussiva sa kemm il-partijiet ma jiftehmux mod ieħor. Ftehim bħal dak dan li jagħti ġurisdizzjoni għandu jkun jew:

---

➔ 44/2001

(a) bil-kitba jew ikkonfermat bil-kitba; jew

(b) f'għamla li taqbel mal-prattiki li l-partijiet ikunu stabbilixxew bejniethom; jew

(c) f'negozju jew kummerċ internazzjonali, f'għamla li taqbel mal-użanza li biha dwarha l-partijiet huma jew li għandhom kellhom ikunu konxji u li dwarhom f'dak in-negozju jew kummerċ tkun magħrufa sewwa, u regolarment osservata minn, partijiet għal kuntratti tat-tip involut f'dak in-negozju jew kummerċ partikolari kkonċernat.

2. Xi Kull komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi li tipprovdi rekord dewwiemi tal-ftehim għandha tkun ekwivalenti għal "kitba".

3. Meta ftehim bħal dan ikun konkluż minn partijiet, li ħadd minnhom ma jkollu d-domiċilju fi Stat Membru, il-qrati ta' l-Istati Membri l-oħra m'għandhomx ikollhom ġurisdizzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet sa kemm il-qorti jew qrati magħżula ma jkunux ċaħdu l-ġurisdizzjoni.

3. Il-qorti jew qrati ta' Stat Membru li lilhom tkun ingħatat il-fiduċja ta' strument ta' ġurisdizzjoni tkun ingħatat il-ġurisdizzjoni permezz ta' strument ta' trust għandhom ikollhom ġurisdizzjoni esklussiva fxi fi kwalunkwe proċedimenti kontra settlor, fiduċjarju jew benefiċjarju, jekk ikunu involuti r-relazzjonijiet bejn dawn il-persuni jew id-drittijiet jew l-obbligi tagħhom permezz tal-fiduċja taħt it-trust.

4. Ftehim ~~dwar~~ jew dispożizzjonijiet ta' strument ta' ~~fiduċja~~ trust li jagħtu ġurisdizzjoni m'għandux ikollhom forza legali jekk dawn ~~ikunu kuntrarji għal~~ imorru kontru l-Artikoli 13, 17 jew 21, jew jekk il-qrati li l-ġurisdizzjoni tagħhom dawn iridu jeskludu jkollhom il-ġurisdizzjoni esklussiva bis-saħħa tal-Artikolu 22.

*Artikolu 24*

1. Apparti mill-ġurisdizzjoni li toħroġ minn dispożizzjonijiet oħra ta' dan ir-Regolament, qorti ta' Stat Membru fejn il-konvenut ikun deher għandha jkollha l-ġurisdizzjoni. Din ir-regola m'għandhiex tapplika meta d-dehra kienet saret biex tkun ikkontestata l-ġurisdizzjoni, jew meta qorti oħra jkollha ġurisdizzjoni esklussiva bis-saħħa tal-Artikolu 22.

---

⇩ ġdid

2. Fi kwistjonijiet li jsir riferiment għalihom fis-Sezzjonijiet 3, 4 u 5 ta' dan il-Kapitolu, id-dokument li bih jitressqu l-proċedimenti jew dokument ekwivalenti jrid jinkludi tagħrif għall-konvenut dwar id-dritt tiegħu li jikkontesta l-ġurisdizzjoni tal-qorti u l-konsegwenzi jekk jidher quddiemha. Qabel ma tassumi ġurisdizzjoni fuq il-bażi ta' dan l-Artikolu, il-qorti għandha tiżgura li l-konvenut ikun ġie pprovdut b'dan it-tagħrif.

## SEZZJONI 8

## ĠURISDIZZJONI U *FORUM NECESSITATIS*

*Artikolu 25*

Fejn l-ebda qorti ta' Stat Membru ma jkollha ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 2 sa 24, il-qrati tal-Istat Membru fejn tkun tinsab proprjetà tal-konvenut għandhom ikollhom ġurisdizzjoni sakemm

(a) ma jkunx hemm sproporzjon bejn il-valur tal-proprjetà u l-valur tal-pretensjoni; kif ukoll

(b) it-tilwima jrid ikollha rabta suffiċjenti mal-Istat Membru tal-qorti li jitressqu l-proċedimenti quddiemha.

*Artikolu 26*

Fejn l-ebda qorti ta' Stat Membru ma jkollha ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament, il-qrati ta' Stat Membru jistgħu, fuq bażi eċċezzjonali, jisimgħu l-kawża jekk id-dritt għal proċess imparzjali jew id-dritt ta' aċċess għall-ġustizzja jkunu jeħtieġu li jsir dan, b'mod partikolari:

(a) jekk il-proċedimenti ma jistgħux raġonevolment jinġiebu jew jitmexxew jew jekk ikunu impossibbli fi Stat terz li miegħu t-tilwima jkollha rabta mill-qrib. jew

(b) jekk sentenza li tingħata dwar il-pretensjoni fi Stat terz ma tkunx tista' tiġi rikonoxxuta u eżegwita fl-Istat Membru tal-qorti li jitressqu l-proċedimenti quddiemha skont il-liġi ta' dak l-Istat u tali rikonoxximent u eżekuzzjoni jkunu neċessarji biex id-drittijiet tar-rikorrenti jkunu rispettati;

u t-tilwima jkollha rabta suffiċjenti mal-Istat Membru tal-qorti li jitressqu l-proċedimenti quddiemha.

---

| ↓ 44/2001<br>⇨ ġdid |
|---|

## SEZZJONI 89

## EŻAMI DWAR ĠURISDIZZJONI U AMMISSIBBILTÀ

*Artikolu 2527*

Meta qorti ta' Stat Membru jkollha quddiemha talba li tkun prinċipalment konċernata b' materja bi kwistjoni li dwarha l-qrati ta' Stat Membru ieħor ikollhom il-ġurisdizzjoni esklussiva bis-saħħa ta' l-Artikolu 22 ⇨ li fuqha m'għandhiex ġurisdizzjoni taħt dan ir-Regolament ⇦ , din għandha tiddikjara b'inizjattiva tagħha li m' għandhiex ġurisdizzjoni.

---

| ↓ 44/2001 (adattat) |
|---|

*Artikolu 2628*

1. Meta konvenut domiċiljat fi Stat Membru wieħed ikun infittex f jitressaq quddiem qorti ta' Stat Membru ieħor u li ma jidhirx quddiem il-qorti, il-qorti għandha tiddikjara bl-inizjattiva tagħha stess li m' għandhiex ġurisdizzjoni sa kemm il-ġurisdizzjoni tagħha ma tkunx ġejja mid-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

2. Il-qorti għandha twaqqaf tissospendi il-proċedimenti sakemm ma jkunx jidher jintweriex li dak il-konvenut seta' rċieva d-dokument li jiftħu l-proċedimenti l-att promotur jew dokument ekwivalenti fi żmien suffiċjenti sabiex ikun jista' jħejji d-difiża tiegħu jew li jkunu ttieħdu l-passi kollha meħtieġa għal dan il-għan.

---

| ↓ 44/2001<br>⇨ ġdid |
|---|

32. L-Artikolu 19(1), (2) u (3) ta' Regolament (KE) Nru 1348/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar is-servizz fl-Istati Membru ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji f'materji ċivili u kummerċjali[26] tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27] għandhomu japplikawa minflok id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2 jekk id-dokument li jiftaħ

---

26 ĠU L 160, 30.6.2000, p. 37.
27 ĠU L 324, 10.12.2007, p. 79.

il-proċedimenti l-att promotur jew dokument ekwivalenti jkun ġie trażmess minn Stat Membru wieħed lil Stat Membru ieħor bis-saħħa ta' dan ir-Regolament.

43. Meta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000 1393/2007 ma japplikawx, l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-Aja tal-15 ta' Novembru 1965 dwar Servizz Notifika Barranija ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extra-Ġudizzjarji f'Materji Ċivili u Kummerċjali għandu japplika jekk id-dokument li jiftaħ il-proċedimenti l-att promotur jew dokument ekwivalenti kellu jkun trażmess bis-saħħa ta' dik il-Konvenzjoni.

## SEZZJONI 910

## *LIS PENDENS* – AZZJONIJIET RELATATI

*Artikolu 2729*

1. ⇨ Bla ħsara għall-Artikolu 32(2), ⇦ Mmeta proċedimenti li jinvolvu l-istess kawża ta' azzjoni u bejn l-istess partijiet ikunu miġjuba quddiem qrati ta' Stati Membri differenti, xi kull qorti apparti mill-ewwel qorti li jkollha quddiemha l-każ għandha bl- fuq inizjattiva tagħha stess tissospendi l-proċedimenti ta' quddiemha sa dak iż-żmien li fih tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni tal-ewwel qorti invokata.

---

⇩ ġdid

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-qorti li jitressqu l-ewwel il-proċedimenti quddiemha għandha tistabbilixxi jekk għandhiex ġurisdizzjoni fi żmien sitt xhur ħlief fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmlu dan impossibbli. Fuq talba ta' kwalunkwe qorti oħra li tkun tressqet it-tilwima quddiemha, il-qorti li tressqu l-ewwel il-proċedimenti quddiemha għandha tgħarraf lil dik il-qorti bid-data meta tressqu l-proċedimenti quddiemha u dwar jekk stabbilixxietx jekk għandhiex ġurisdizzjoni fuq it-tilwima jew, fin-nuqqas ta' dan, dwar iż-żmien li tbassar li għandha bżonn biex tistabbilixxi jekk għandhiex ġurisdizzjoni.

---

🡻 44/2001

23. Meta tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni tal-ewwel qorti invokata, xi kull qorti oħra apparti mill-ewwel qorti invokata għandha tastjeni mill-ġurisdizzjoni favur dik il-qorti.

---

⇩ ġdid

4. Fejn is-sede tal-arbitraġġ miftiehma jew magħżula tkun fi Stat Membru, il-qrati ta' Stat Membru ieħor, li l-ġurisdizzjoni tagħhom tkun ikkontestata fuq il-bażi ta' ftehim tal-arbitraġġ, iridu jissospendu l-proċedimenti quddiemhom ladarba l-qrati tal-Istat Membru fejn tkun tinsab is-sede tal-arbitraġġ jew fejn ikun jinsab it-tribunal tal-arbitraġġ ikunu tressqu quddiemhom proċedimenti biex jiġi stabbilit, bħala l-għan prinċipali tagħhom jew bħala kwistjoni inċidentali, l-eżistenza, il-validità jew l-effetti ta' dak il-ftehim ta' arbitraġġ.

Dan il-paragrafu ma jimpedixxix lill-qorti li tkun qed tiġi kkontestata l-ġurisdizzjoni tagħha milli tirrifjuta l-ġurisdizzjoni fis-sitwazzjoni msemmija hawn fuq jekk id-dritt nazzjonali tagħna jkun jeħtieġ li dan isir.

Fejn l-eżistenza, l-validità jew l-effetti tal-ftehim tal-arbitraġġ jkunu ġew stabbiliti, il-qorti li jkunu tressqu l-proċedimenti quddiemha għandha tirrifjuta l-ġurisdizzjoni.

Dan il-paragrafu ma japplikax għal tilwim li jirrigwarda kwistjonijiet imsemmija fis-Sezzjonijiet 3, 4 u 5 tal-Kapitolu II.

---

🡻 44/2001

*Artikolu ~~28~~30*

1. Meta azzjonijiet relatati jkunu pendenti fi qrati ta' Stati Membri differenti, ~~xi~~ kwalunkwe qorti apparti mill-qorti li tkun l-ewwel invokata għandha tissospendi l-proċedimenti ta' quddiemha.

---

🡻 44/2001 (adattat)

2. Fejn ~~dawn l-azzjonijiet~~ l-azzjoni ~~jkunu~~ tkun pendenti ~~quddiem il-qorti tal-~~ fil-prima istanza ⌦ quddiem l-ewwel qorti ~~invokata~~ ⌫ , ~~xi~~ kwalunkwe qorti oħra ~~apparti mill-ewwel~~ ~~qorti invokata~~ tista' wkoll, fuq ~~applikazzjoni ta'~~ talba minn waħda mill-partijiet, tiċħad il-ġurisdizzjoni jekk il-qorti l-ewwel invokata jkollha ġurisdizzjoni fuq l-azzjonijiet ~~f'dak il-każ~~ inkwistjoni ~~u li l-liġi tagħha tippermetti l-konsolidazzjoni ta' dan~~.

---

🡻 44/2001

3. Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, azzjonijiet huma meqjusa li jkunu relatati meta jkunu konnessi hekk mill-qrib illi jkun aktar konvenjenti illi jinstemgħu u jiġu determinati flimkien sabiex ikun evitat ir-riskju ta' ~~ġudizzji~~ sentenzi irrikonċiljabbli li jirriżultaw minn proċedimenti separati.

---

⇩ ġdid

*Artikolu 31*

Jekk il-proċedimenti fuq il-mertu jkunu pendenti quddiem qorti ta' Stat Membru u titressaq talba għal miżuri provviżjorji, inklużi miżuri kawtelatorji, quddiem il-qrati ta' Stat Membru ieħor, il-qrati kkonċernati għandhom jikkoperaw sabiex jiżguraw Kordinazzjoni xierqa bejn il-proċedimenti dwar il-mertu u t-talba għall-miżuri provviżorji.

B'mod partikolari, il-qorti li titressaq quddiemha talba għal miżuri provviżjorji, inklużi miżuri kawtelatorji, għandha titlob informazzjoni mill-qorti l-oħra dwar iċ-ċirkustanzi relevanti kollha tal-każ, bħall-urġenza tal-miżura mitluba jew iċ-ċaħda ta' miżura simili mill-qorti li qed teżamina l-mertu tal-kwistjoni.

↓ 44/2001

*Artikolu ~~29~~32*

1. Meta ~~azzjonijiet jidħlu fil-~~ l-kawżi jaqgħu fil-ġurisdizzjoni esklussiva ta' diversi qrati, ~~xi~~ kull qorti oħra apparti mill-ewwel qorti invokata għandha tastjeni mill-ġurisdizzjoni favur dik il-qorti.

⇩ ġdid

2. Bl-eċċezzjoni tal-ftehimiet irregolati mis-Sezzjonijiet 3, 4 u 5 ta' dal-Kapitolu, fejn ftehim imsemmi fl-Artikolu 23 jagħti ġurisdizzjoni esklussiva lil qorti jew lill-qrati ta' Stat Membru, il-qrati tal-Istati Membri l-oħrajn m'għandu jkollhom l-ebda ġurisdizzjoni fuq it-tilwima sa dak iż-żmien meta l-qorti jew il-qrati indikati fil-ftehim jirrifjutaw il-ġurisdizzjoni tagħhom.

↓ 44/2001

*Artikolu ~~30~~33*

1. Għall-iskopijiet ta' din is-Sezzjoni, qorti għandha tkun meqjusa bħala invokata:

~~1.~~(a) fil-waqt meta ~~d-dokument li jiftaħ il-proċedimenti~~ l-att promotur jew dokument ekwivalenti jkun ippreżentat fil-qorti, basta illi ~~l-attur~~ r-rikorrent ma jkunx sussegwentament naqas milli jieħu l-passi li kien meħtieġ jieħu sabiex il-konvenut jiġi notifikat ~~ikollu s-servizz effettwat fuq il-konvenut~~, jew

~~2.~~(b) jekk id-dokument għandu jkun ~~servut~~ notifikat qabel ma jkun ippreżentat fil-qorti, fil-waqt meta ~~jitwassal għand~~ l-awtorità responsabbli ~~għas-servizz~~ għan-notifika tirċevih, basta illi l-attur ma jkunx sussegwentament naqas milli jieħu l-passi li kien meħtieġ jieħu biex jara li d-dokument ikun ippreżentat lill-qorti.

⇩ ġdid

L-awtorità responsabbli għan-notifika msemmija fil-punt (b) għandha tkun l-ewwel awtorità li tirċievi d-dokumenti li għandhom jiġu nnotifikati.

2. Il-qrati u l-awtoritajiet responsabbli għan-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jieħdu nota, kif ikun applikabbli, tad-data u l-ħin li fihom jiġi ppreżentat id-dokument li bih jitressqu l-proċedimenti jew ta' meta dokumenti li għandhom jiġu nnotifikati jiġu rċevuti.

3. Għall-finijiet ta' din is-Sezzjoni, it-tribunal ta' arbitraġġ jitqies li tkun tressqet it-tilwima quddiemu meta parti tkun innominat arbitru jew meta parti tkun talbet l-għajnuna ta' istituzzjoni, awtorità jew qorti biex jiġi kkostitwit it-tribunal.

*Artikolu 34*

1. Minkejja r-regoli fl-Artikoli 3 sa 7, jekk il-proċedimenti li jirrigwardaw l-istess kawża ta' azzjoni u bejn l-istess partijiet ikunu pendenti quddiem il-qrati ta' Stat terz meta t-tilwima titressaq quddiem qorti ta' Stat Membru, dik il-qorti tista' tissospendi l-proċedimenti quddiemha jekk:

(a) it-tilwima tkun tressqet l-ewwel quddiem il-qorti tal-Istat terz;

(b) jista' jkun mistenni li fi żmien raġonevoli l-qorti tal-Istat terz tagħti sentenza li tkun tista' tiġi rikonoxxuta u, fejn ikun applikabbli, tkun tista' tiġi eżegwita f'dak l-Istat Membru; kif ukoll

(c) il-qorti tkun sodisfatta li huwa neċessarju għall-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizza li tagħmel dan.

2. Matul il-perjodu tas-sospensjoni, il-parti li tkun ressqet it-tilwima quddiem qorti fl-Istat Membru m'għandhiex titlef il-benefiċċju tat-termini ta' preskizzjoni jew ta' dekadenza previsti mil-liġi ta' dak l-Istat Membru

3. Il-qorti ttemm is-sospensjoni f'kull ħin fuq talba ta' waħda mill-partijiet jew *ex officio* jekk tiġi sodisfatta waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-proċedimenti fil-qorti tal-Istat terz jiġu sospiżi jew jitwaqqfu;

(b) il-qorti jidhrilha li huwa improbabbli l-proċedimenti fil-qorti tal-Istat terz jiġu konklużi fi żmien raġonevoli;

(c) it-tmiem tas-sospensjoni tkun meħtieġa għall-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja.

4. Il-qorti għandha ttemm il-proċedimenti fuq talba ta' waħda mill-partijiet jew *ex officio* jekk il-proċedimenti fil-qorti tal-Istat terz jiġu konklużi u jirriżultaw f'sentenza eżegwibbli f'dak l-Istat jew li tista' tiġi rikonoxxuta u, fejn applikabbli, li tista' tiġi eżegwita fl-Istat Membru.

---

| ➔ 44/2001 |
|---|

## SEZZJONI ~~10~~11

## MIŻURI PROVVIŻORJI, INKLUŻI MIŻURI ~~PROTETTIVI~~ KAWTELATORJI

---

| ⇩ ġdid |
|---|

*Artikolu 35*

Meta l-qrati ta' Stat Membru jkollhom ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-kwistjoni, dawk il-qrati għandu jkollhom ġurisdizzjoni biex jiddeċiedu dwar l-miżuri provviżorji, inklużi miżuri kawtelatorji, li jkunu previsti mil-liġi ta' dak l-Istat.

↓ 44/2001 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu ~~31~~36*

Tista' ssir ~~applikazzjoni~~ talba lill-qrati ta' Stat Membru għal miżuri proviżorji bħal dawn, inklużi miżuri ~~protettivi~~ kawtelatorji, ~~skont kif jista' jkun disponibbli permezz tal~~ previsti mil-liġi ta' dak l-Istat, ~~permezz ta' dan ir-Regolament,~~ ~~li~~ anki jekk il-qrati ta' Stat ~~Membru~~ ieħor ⇨ jew tribunal tal-arbitraġġ ⇦ ~~li~~ ikollhom il-ġurisdizzjoni ~~dwar~~ ~~is-sustanza tal-materja~~ fuq il-mertu tal-kwistjoni.

↓ 44/2001 (adattat)

## KAPITOLU III

## RIKONOXXIMENT ⌦ , EŻEGWIBBILTÀ ⌫ U EŻEKUZZJONI

~~*Artkolu 32*~~

~~Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, "sentenza" tfisser xi sentenza mogħtija minn qorti jew tribunal ta' Stat Membru, independentament minn kif tista' tissejjaħ dik is-sentenza, inkluża dikjarazzjoni, ordni, deċiżjoni jew mandat ta' eżekuzzjoni, kif ukoll dwar id-determinazzjoni tan-nefqa u l-ispejjeż minn uffiċjal tal-qorti.~~

⇩ ġdid

*Artikolu 37*

1. Dan il-Kapitolu għandu jirregola r-rikonoxximent, l-eżegwibbiltà u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Is-Sezzjoni 1 għandha tapplika għas-sentenzi kollha, bl-eċċezzjoni ta' dawk imsemmija fil-paragrafu 3.

3. Is-Sezzjoni 2 għandha tapplika għas-sentenzi kollha mogħtija fi Stat Membru ieħor

(a) dwar obbligi mhux kuntrattwali li jirriżultaw minn vjolazzjonijiet tal-privatezza u ta' drittijiet relatati mal-personalità, inkluża l-malafama.

(b) fi proċedimenti li jirrigwardaw il-kumpens ta' dannu li jirriżulta minn prattiċi tan-negozju li jkunu kontra l-liġi lil diversi persuni li jsofru dannu u li jitressqu minn

i. korp statali,

ii. organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ li għandha bħala l-għan u l-attività ewlenin tagħha r-rappreżentazzjoni u d-difiża ta' gruppi ta' persuni fiżiċi jew

ġuridiċi, apparti milli tipprovdihom b'konsulenza legali jew tirrappreżentahom quddiem qorti fuq bażi kummerċjali, jew

iii. grupp ta' aktar minn tnax-il rikorrent.

4. Bla ħsara għall-kompetenza tal-Kummissjoni li tipproponi f'kull żmien l-estensjoni tar-regoli tas-Sezzjoni 1 għal sentenzi li jaqgħu fl-ambitu tal-paragrafu 3(b) fid-dawl tal-istat ta' konverġenza tal-liġijiet nazzjonali u tal-iżvilupp tal-liġi tal-Unjoni, tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jew qabel, f'każ li l-Kummissjoni tipproponi armonizzazzjoni ulterjuri, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport li jeżamina l-ħtieġa li jkun għad baqa' biex tinżamm il-proċedura għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi mogħtija fi kwistjonijiet msemmijin fil-paragrafu 3(b).

## SEZZJONI 1

## SENTENZI LI GĦALIHOM MA HIJA MEĦTIEĠA L-EBDA DIKJARAZZJONI TA' EŻEGWIBBILTÀ

### SUBSEZZJONI 1

### ABOLIZZJONI TAL-EXEQUATUR

*Artikolu 38*

1. Salv id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, sentenza mogħtija fi Stat Membru għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri l-oħra mingħajr ma tkun meħtieġa xi proċedura speċjali u mingħajr il-possibbiltà li jkun hemm oppożizzjoni għar-rikonoxximent tagħha.

2. Sentenza mogħtija fi Stat Membru li hija eżegwibbli f'dak l-Istat għandha tkun eżegwibbli fi Stat Membru ieħor mingħajr il-ħtieġa ta' dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà.

*Artikolu 39*

1. Parti li tkun tixtieq tinvoka fi Stat Membru ieħor sentenza rikonoxxuta skont l-Artikolu 38(1) għandha tippreżenta kopja tas-sentenza li tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa biex tiġi stabbilita l-awtentiċità tagħha.

2. Il-qorti li quddiemha tiġi invokata s-sentenza rikonoxxuta tista', fejn ikun meħtieġ, titlob lill-parti li tinvokaha biex tippreżenta ċertifikat maħruġ mill-qorti tal-oriġini fil-formola li tinsab fl-Anness I u biex tipprovdi tranżliterazzjoni jew traduzzjoni tal-kontenut tal-formola skont l-Artikolu 69.

Il-qorti tal-oriġini għandha toħroġ ukoll ċertifikat bħal dan fuq it-talba ta' kwalunkwe parti interessata.

3. Il-qorti li tiġi invokata s-sentenza rikonoxxuta quddiemha tista' tissospendi l-proċedimenti tagħha kollha jew tissospendi parti minnhom, jekk is-sentenza tiġi kkontestata fl-Istat Membru ta' oriġini jew fil-każ li ssir talba għal reviżjoni skont l-Artikolu 45 jew l-Artikolu 46.

## SUBSEZZJONI 2

## EŻEKUZZJONI

*Artikolu 40*

Sentenza eżegwibbli timplika bi dritt is-setgħa li wieħed jipproċedi għal kull miżura kawtelatorja prevista mil-liġi tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

*Artikolu 41*

1. Salv id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, il-proċedura għall-eżekuzzjoni ta' sentenzi mogħtija fi Stat Membru ieħor għandha tkun irregolata mil-liġi tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni. Sentenza mogħtija fi Stat Membru li hija eżegwibbli fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandha tiġi eżegwita hemmhekk taħt l-istess kondizzjonijiet bħal sentenza mogħtija f'dak l-Istat Membru.

2. Minkejja l-paragrafu 1, ir-raġunijiet għaċ-ċaħda jew is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni taħt il-liġi tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni m'għandhomx japplikaw sa fejn ikunu jirrigwardaw sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 43 sa 46.

*Artikolu 42*

1. Għall-finijiet tal-eżekuzzjoni fi Stat Membru ieħor ta' sentenza għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 2, ir-rikorrenti għandu jipprovdi lill-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni kompetenti:

(a) b'kopja tas-sentenza li tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex tiġi stabbilita l-awtentiċità tagħha; kif ukoll

(b) biċ-ċertifikat fil-formola stabbilita fl-Anness I maħruġ mill-qorti ta' oriġini, li jiċċertifika li s-sentenza hija eżegwibbli u li jkun fih, fejn xieraq, silta mis-sentenza kif ukoll it-tagħrif rilevanti dwar l-ispejjeż li jistgħu jinġabru tal-proċedimenti u l-kalkolu tal-imgħax.

2. Għall-finijiet tal-eżekuzzjoni fi Stat Membru ieħor ta' sentenza li tordna miżuri provviżorji, inklużi miżuri kawtelatorji, ir-rikorrent għandu jipprovdi lill-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni kompetenti:

(a) b'kopja tas-sentenza li tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex tiġi stabbilita l-awtentiċità tagħha; kif ukoll

(b) biċ-ċertifikat fil-formola stabbilita fl-Anness I maħruġ mill-qorti ta' oriġini, li jinkludi deskrizzjoni tal-miżura u jiċċertifika

(i) li l-qorti għandha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-kwistjoni; kif ukoll

(ii) fejn il-miżura tkun ġiet ordnata mingħajr ma l-konvenut jkun ġie mħarrek biex jidher u tkun intiża biex tiġi eżegwita mingħajr notifika minn qabel lill-konvenut, li l-konvenut għandu d-dritt li jikkontesta l-miżura taħt il-liġi tal-Istat Membru ta' oriġini;

3. L-awtorità kompetenti tista', fejn ikun meħtieġ, titlob tranżliterazzjoni jew traduzzjoni tal-kontenut tal-formola msemmija fil-punt (b) tal-paragrafi 1 u 2 hawn fuq skont l-Artikolu 69.

4. L-awtoritajiet kompetenti ma jistgħux jeħtieġu li r-rikorrenti jipprovdi traduzzjoni tas-sentenza. Madankollu, tista' tinħtieġ traduzzjoni jekk l-eżekuzzjoni tas-sentenza tiġi kkontestata u jidher li tkun meħtieġa traduzzjoni.

*Artikolu 43*

L-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandha, fuq talba mill-konvenut, tiċħad l-eżekuzzjoni tas-sentenza kollha kemm hi jew ta' parti minnha jekk

(a) tkun irrikonċiljabbli ma' sentenza mogħtija f'tilwima bejn l-istess partijiet fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni;

(b) tkun irrikonċiljabbli ma' sentenza preċedenti mogħtija fi Stat Membru ieħor jew fi Stat terz li tkun tinvolvi l-istess kawża ta' azzjoni u tkun bejn l-istess partijiet, sakemm is-sentenza preċedenti twettaq il-kundizzjonijiet meħtieġa għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

*Artikolu 44*

1. Fil-każ ta' talba għal reviżjoni skont l-Artikolu 45 jew 46, l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni tista', fuq talba tal-konvenut:

(a) tillimita l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni għal miżuri kawtelatorji;

(b) tissuġġetta l-eżekuzzjoni għall-għoti ta' garanzija li hi tistabbilixxi; jew

(c) tissospendi l-eżekuzzjoni tas-sentenza kollha kemm hi jew ta' parti minnha.

2. L-awtorità kompetenti għandha, fuq talba tal-konvenut, tissospendi l-eżekuzzjoni tas-sentenza fil-każ fejn l-eżegwibbiltà tas-sentenza tkun sospiża fl-Istat Membru tal-oriġini.

3. Fejn tkun ġiet ordnata miżura kawtelatorja mingħajr ma l-konvenut ikun ġie mħarrek sabiex jidher u tkun ġiet eżegwita mingħajr notifika minn qabel lill-konvenut, l-awtorità kompetenti tista', fuq talba tal-konvenut, tissospendi l-eżekuzzjoni jekk il-konvenut ikun ikkontesta l-miżura fl-Istat Membru ta' oriġini.

## SUBSEZZJONI 3

## DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI

*Artikolu 45*

1. Konvenut li ma jkunx deher fl-Istat Membru tal-oriġini għandu jkollu d-dritt li jagħmel talba għal reviżjoni tas-sentenza quddiem il-qorti kompetenti ta' dak l-Istat Membru fejn:

(a) huwa ma kienx notifikat bl-att promotur jew dokument ekwivalenti fi żmien suffiċjenti u b'tali mod li seta' jħejji għad-difiża tiegħu, jew

(b) huwa kien impedit milli jikkontesta t-talba minħabba forza maġġuri jew minħabba ċirkostanzi straordinarji mingħajr l-ebda ħtija min-naħa tiegħu,

sakemm ma kienx naqas milli jappella s-sentenza meta seta' jagħmel dan.

2. It-talba għandha tiġi ppreżentata permezz tal-formola li tinsab fl-Anness II.

3. It-talba tista' tiġi ppreżentata direttament lill-qorti fl-Istat Membru tal-oriġini li jkollha l-kompetenza tagħmel reviżjoni skont dan l-Artikolu. It-talba tista' wkoll tiġi ppreżentata lill-qorti kompetenti tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni li għandha, mingħajr dewmien indebitu, tittrasferixxi t-talba lill-qorti kompetenti fl-Istat Membru tal-oriġini bl-użu tal-mezz ta' komunikazzjoni kif ikun ġie notifikat skont l-Artikolu 87(b).

4. It-talba għal reviżjoni għandha ssir mingħajr dewmien u, f'kull każ fi żmien 45 jum mid-data meta l-konvenut ġie mgħarraf effettivament bil-kontenut tas-sentenza u seta' jirreaġixxi. Meta l-konvenut jagħmel talba għal reviżjoni fil-kuntest ta' proċedimenti ta' eżekuzzjoni, it-terminu għandu jibda jiddekorri l-aktar tard mid-data tal-ewwel miżura ta' eżekuzzjoni li jkollha bħala effett li ma jkunx jista' jiddisponi mill-proprjetà tiegħu kollha jew minn parti minnha. It-talba għandha titqies li ssir meta tiġi rċevuta minn waħda mill-qrati msemmija fil-paragrafu 3.

5. Jekk it-talba għal reviżjoni tkun manifestament infondata, il-qorti għandha tiċħadha immedjatament u, f'kull każ, fi 30 jum minn meta tirċiviha. F'dan il-każ, is-sentenza għandha tibqa' fis-seħħ.

Jekk il-qorti tiddeċiedi li reviżjoni hija ġustifikata għal waħda mir-raġunijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, is-sentenza għandha tkun nulla u mingħajr effett. Madankollu, l-parti li tkun kisbet is-sentenza mill-qorti tal-oriġini m'għandhiex il-benefiċċji tal-interuzzjoni tat-termini ta' preskrizzjoni jew ta' dekadenza miksuba fil-proċedimenti inizjali.

6. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika minflok l-Artikolu 19(4) tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007, jekk l-att promotur jew dokument ekwivalenti kellu jiġi trasmess minn Stat Membru għal ieħor skont dak ir-Regolament.

*Artikolu 46*

1. F'każijiet apparti minn dawk koperti mill-Artikolu 45, parti għandu jkollha d-dritt li tressaq talba għar-rifjut tar-rikonoxximent jew tal-eżekuzzjoni ta' sentenza fejn dan ir-rikonoxximent jew eżekuzzjoni ma jkunux permessi mill-prinċipji fundamentali li huma fil-bażi tad-dritt għal proċess imparzjali.

2. It-talba għandha titressaq quddiem il-qorti tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni elenkata fl-Anness III. Il-ġurisdizzjoni lokali għandha tiġi deċiża b'riferiment għall-post tad-domiċilju tal-parti li jkunu qed jintalbu r-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni kontriha jew fil-post ta' eżekuzzjoni.

3. Il-proċedura biex issir it-talba għandha tkun irregolata mil-liġi tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni.

4. Jekk it-talba tkun manifestament infondata, il-qorti għandha tiċħadha immedjatament u, f'kull każ, fi 30 jum minn meta tirċiviha.

5. Jekk il-qorti tiddeċiedi li t-talba hija ġustifikata, ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni tas-sentenza għandhom jinċaħdu.

6. Is-sentenza mogħtija skont dan l-Artikolu tista' tiġi kkontestata biss permezz tal-appell imsemmi fl-Anness IV.

7. Il-qorti li quddiemha titressaq it-talba skont dan l-Artikolu tista' tissospendi l-proċedimenti quddiemha jekk ikun tressaq appell ordinarju kontra s-sentenza fl-Istat Membru tal-oriġini jew jekk it-terminu għal dak l-appell ma jkunx għadu skada. Meta t-terminu għal appell bħal dan ma jkunx għadu skada, il-qorti tista' tispeċifika ż-żmien li fih tali appell għandu jitressaq.

8. Il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż tal-proċedimenti taħt dan l-Artikolu, inklużi l-ispejjeż legali tal-parti l-oħra.

---

🡻 44/2001 (adattat)

**SEZZJONI ~~1~~2**

**~~RIKONOXXIMENT~~ ⌦ SENTENZI LI JEĦTIEĠU DIKJARAZZJONI TA' EŻEGWIBBILTÀ FUQ BAŻI TRANŻITORJA ⌫**

*Artikolu ~~33~~47*

1. Sentenza mogħtija minn Stat Membru li tikkonċerna kwistjonijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 37(3) għandha tiġi rikonoxxuta mill-Istati Membri l-oħra mingħajr ma tkun meħtieġa proċedura speċjali.

2. Xi parti interessata li tqajjem rikonoxximent ta' sentenza bħala s-suġġet prinċipali fi kwestjoni tista', bi qbil mal-proċeduri li hemm dispożizzjoni dwarhom fl-⌦ Artikoli 50 u 63 ⌫ , tapplika għal deċiżjoni li s-sentenza tiġi rikonoxxuta.

---

↓ 44/2001

3. Jekk ir-riżultat tal-proċedimenti f'qorti ta' Stat Membru jiddependi mid-determinazzjoni ta' kwistjoni inċidentali tar-rikonoxximent, dik il-qorti għandha jkollha ġurisdizzjoni fuq dak il-każ.

---

↓ 44/2001 (adattat)

*Artikolu ~~34~~48*

Sentenza m'għandhiex tiġi rikonoxxuta:

1. jekk dak ir-rikonoxximent ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika ⌦ (*ordre public*) ⌫ tal-Istat Membru li fih ġie mfittex ir-rikonoxximent;

---

↓ 44/2001

2. meta ~~jkun~~ tingħata b'~~nuqqas ta' dehra~~ kontumaċja, jekk il-konvenut ma kienx ġie ~~servut~~ notifikat bid-dokument li jkun fetaħ il-proċedimenti jew b'dokument ekwivalenti fi żmien suffiċjenti u b'tali manjiera li dan ikun jista' jħejji għad-difiża tiegħu, sa kemm id-difensur ma jkunx naqas milli jibda l-proċedimenti biex ~~jiddisputa~~ jikkontesta s-sentenza meta kien possibli għalih jagħmel hekk;

3. jekk ~~i~~tkun irrikonċiljabbli ma' sentenza mogħtija fi kwistjoni bejn l-istess partijiet fl-Istat Membru li fih ġie mfittex ir-rikonoxximent;

---

↓ 44/2001 (adattat)

4. jekk ~~i~~tkun irrikonċiljabbli ma' sentenza mogħtija aktar kmieni fi Stat Membru ieħor jew fi Stat terz li jinvolvi l-istess kawża ta' azzjoni u bejn l-istess partijiet, basta illi dik is-sentenza aktar kmieni twettaq il-kondizzjonijiet meħtieġa għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat Membru ~~indirizzat~~ ⌦ li fih ikun ġie mfittex ir-rikonoxximent ⌫ .

---

↓ 44/2001
⇨ ġdid

~~*Artikolu 35*~~

~~1. Aktar minn hekk, sentenza m'għandhiex tiġi rikonoxxuta jew tmur kontra s-Sezzjonijiet 3, 4 jew 6 ta' Kapitolu II, jew fil-każ li hemm dispożizzjoni dwaru fl-Artikolu 72.~~

~~2. Fl-eżami tal-bażi tas-sentenza msemmija fil-paragrafu ta' qabel, il-qorti jew l-awtorità għandha tkun marbuta bis-sejbiet dwar il-fatt li fuqhom il-qorti tal-Istat Membru tal-oriġini tkun ibbażat il-ġurisdizzjoni tagħha.~~

~~3. Suġġett għal paragrafu 1, il-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Istat Membru ta' oriġini ma tistax tiġi reveduta. It-test ta' strateġija pubblika msemmija f'punt 1 tal-Artikolu 34 ma' jistax jiġi applikat għal regoli li għandhom x'jaqsmu ma' ġurisdizzjoni.~~

*Artikolu ~~37~~49*

~~1.~~ Qorti ta' Stat Membru li fih ikun imfittex ir-rikonoxximent għal sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor ~~jista'~~ ⇨ għandha ⇦ twaqqaf il-proċeduri jekk ~~ikun ġie ppreżentat appell ordinarju kontra s-sentenza~~ ⇨ l-eżegwibbiltà tad-deċiżjoni tiġi sospiża fl-Istat Membru tal-oriġini permezz ta' appell ⇦.

~~2. Qorti ta' Stat Membru li fih ikun imfittex ir-rikonoxximent għal sentenza mogħtija fl-Irlanda jew fir-Renju Unit tista' twaqqaf il-proċeduri jekk l-infurzar ikun sospiż fl-Istat ta' oriġini, permezz ta' appell.~~

🡻 44/2001 (adattat)

~~SEZZJONI 2~~

~~EŻEKUZZJONI~~

*Artikolu ~~38~~50*

~~1.~~ Sentenza mogħtija fi Stat Membru u eżegwita f'dak l-Istat għandha ~~tiġi eżegwita~~ ⌦ tkun eżegwibbli ⌫ ~~fi Stat Membru ieħor~~ ⌦ fl-Istati Membri l-oħra ⌫ meta, fuq applikazzjoni ta' parti nteressata, tkun ġiet dikjarata eżegwibbli hemmhekk ⌦ f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikoli 51 u 63 ⌫ .

🡻 44/2001

~~2. Madankollu, fir-Renju Unit, dik is-sentenza għandha tiġi eżegwita fl-Ingilterra u f'Wales, fl-Iskozja, jew fl-Irlanda ta' Fuq meta, fuq talba ta' kwalunkwe parti interessata, tkun ġiet reġistrata għall-eżekuzzjoni f'dik il-parti tar-Renju Unit.~~

*Artikolu ~~39~~51*

🡻 44/2001 (adattat)
⇨ ġdid

1. L-applikazzjoni ⌦ għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà ⌫ għandha tiġi ppreżentata lill-qorti jew awtorità kompetenti ~~indikati fil-lista tal-Anness II~~ ⇨ tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni nnotifikata minn dak l-Istat Membru lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 87, punt d ⇦ .

🡻 44/2001

2. Il-ġurisdizzjoni lokali għandha tiġi determinata b'referenza għal post tad-domiċilju tal-parti li kontra tagħha ~~ikun imfittex~~ tkun qed titfittex l-eżekuzzjoni, jew fil-post tal-eżekuzzjoni.

*Artikolu ~~40~~52*

↓ 44/2001 (adattat)

1. Il-proċedura biex issir l-applikazzjoni ⌦ għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà ⌫ għandha tiġi regolata bil-liġi tal-Istat Membru ~~li fih tkun imfittxija~~ ⌦ tal- ⌫ eżekuzzjoni.

2. ⌦ L-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti li ġejjin: ⌫

⌦ (a) kopja tas-sentenza li tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa sabiex tiġi stabbilita l-awtentiċità tagħha ⌫

⌦ (b) iċ-ċertifikat maħruġ mill-qorti jew l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini bl-użu tal-formola stabbilita fl- Anness VI, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 53. ⌫

↓ 44/2001

~~2. L-applikant għandu jipprovdi indirizz għas-servizz tal-proċess f'dik iż-żona tal-ġurisdizzjoni ta' qorti ta' fejn tkun saret l-applikazzjoni. B'dan kollu, jekk il-liġi tal-Istat Membru li fih ikun imfittxija l-eżekuzzjoni ma jipprovdix għal għoti ta' indirizz bħal dak, l-applikant għandu jaħtar rappreżentant *ad litem*.~~

~~3. Id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 53 għandhom ikunu mehmużin mal-applikazzjoni.~~

*Artikolu ~~55~~53*

1. Jekk ma jiġix prodott iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu ~~54~~ 52(2)(b), il-qorti jew l-awtorità kompetenti tista' tispeċifika żmien għal ~~l-~~preżentazzjoni tiegħu jew taċċetta dokument ekwivalenti jew, jekk tikkunsidra li jkollha informazzjoni suffiċjenti quddiemha, teżenta mill-produzzjoni tiegħu.

↓ 44/2001 (adattat)

2. ⌦ Fil-każ imsemmi fil-paragrafu 1, ⌫ ~~J~~jekk il-qorti jew l-awtorità kompetenti teżiġi dan, għandha tiġi ppreżentata traduzzjoni tad-dokumenti. ~~It-traduzzjoni għandha tkun iċċertifikata minn persuna kwalifikata biex tagħmel hekk fl-Istat Membru.~~

*Artikolu ~~41~~54*

Is-sentenza għandha tiġi ddikjarata eżegwibbli ⌦ mingħajr xi reviżjoni permezz tal-Artikolu 48 ⌫ immedjatament mat-twettiq tal-formalitajiet fl-Artikolu ~~53~~52 ~~mingħajr xi reviżjoni permezz tal-Artikoli 34 u 35~~. Il-parti li kontra tagħha tkun imfittxija l-eżekuzzjoni m'għandiex f'dan l-istadju tal-proċeduri tkun intitolata li tagħmel xi sottomissjonijiet dwar l-applikazzjoni.

*Artikolu 4255*

1. Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni eżegwibbiltà għandha tkun miġjuba tinġab immedjatament għall-attenzjoni tal-applikant skont il-proċedura rikjesta bil-liġi tal-Istat Membru li fih tkun imfittxija ⌦ tal- ⌫ eżekuzzjoni.

---

| ▼ 44/2001 |
|---|

2. Id-dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni eżegwibbiltà għandha tiġi servuta fuq il- notifikata lill-parti li kontra tagħha tkun imfittxija l-eżekuzzjoni, akkumpanjata mis-sentenza, jekk dan ma jtkunx diġà ġiet notifikata servut fuq dik il-parti.

*Artikolu 4356*

1. Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni eżegwibbiltà tista' tkun appellata minn kull parti.

---

| ▼ 44/2001 |
|---|
| ⇨ ġdid |

2. L-appell għandu jkun ippreżentat fil-qorti fil-lista tal-Anness III ⇨ tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni nnotifikata minn dak l-Istat Membru lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 87, punt e ⇦ .

3. L-appell għandu jkun ittrattat skont ir-regoli li jirregolaw il-proċeduri f'materji fi kwistjonijiet kontradittorji.

4. Jekk il-parti li kontra tagħha tkun imfittxija l-eżekuzzjoni tonqos milli tidher quddiem il-qorti tal-appell fil-proċedimenti li jikkonċernaw appell imressaq mill-applikant, l-Artikolu 26(2) sa (4) 28 għandu japplika anki meta l-parti li kontra tagħha tkun imfittxija l-eżekuzzjoni ma jtkunx domiċiljata f'xi wieħed mill-Istati Membri.

5. Appell kontra id-dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni eżegwibbiltà għandu jiġi ppreżentat fi żmien xahar ⇨ 30 jum ⇦ mis-servizzn-notifika tagħha. Jekk il-parti li kontra tagħha tkun imfittxija l-eżekuzzjoni jtkun domiċiljata fi Stat Membru apparti minn dak li fih tkun ingħatat id-dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni eżegwibbiltà, iż-żmien tal-appell għandu jkun ta' xahrejn ⇨ 45 jum ⇦ u għandu jibda jgħodd mid-data tas-servizztan-notifika, jew fuqulilha jew inkella fir-residenza tiegħutagħha. L-ebda estenzsjoni taż-żmien ma tista' tingħata minħabba distanza.

*Artikolu 4457*

Ils-ġudizzju sentenza mogħtija fuq appell tista' tiġi kkontestata biss bl-appell imsemmi fl-Anness IV ⇨ permezz tal-proċedura nnotifikata mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 87, punt f ⇦ .

*Artikolu ~~45~~58*

---

🡻 44/2001 (adattat)

1. Il-qorti fejn l-appell għandu jiġi ppreżentat permezz tal-Artikolu ~~43~~ 56 jew l-Artikolu ~~44~~ 57 għandha~~u~~ t~~j~~ičħad jew t~~j~~irrevoka dikjarazzjoni ta' ~~eżekuzzjoni~~ eżegwibbiltà biss ~~fuq il-bażi~~għar-raġuni speċifikata fl-Artikolu ~~34 u 35~~48. ~~Din għandha tagħti d-deċiżjoni mingħajr dewmien.~~

~~2. Taħt l-ebda ċirkostanza m'għandha sentenza barranija tiġi riveduta fil-mertu.~~

---

⇩ ġdid

2. Soġġett għall-Artikolu 56(4), il-qorti li quddiemha jkun ġie ppreżentat appell skont l-Artikolu 56 għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fi żmien 90 jum mid-data tar-referenza, minbarra fejn mhux possibbli minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali.

---

🡻 44/2001 (adattat)

⌦ 3. Il-qorti li quddiemha jkun ġie ppreżentat appell skont l-Artikolu 57 għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha mingħajr dewmien. ⌫

---

🡻 44/2001
⇨ ġdid

*Artikolu ~~46~~59*

~~1.~~ Il-qorti li fiha l-appell ikun ġie ppreżentat permezz tal-Artikolu ~~43~~ 56 jew l-Artikolu ~~44~~ 57 ~~tista'~~ ⇨ għandha ⇦ , mal-applikazzjoni tal-parti li kontra tagħha tkun imfittxija l-eżekuzzjoni, tissospendi l-proċedimenti jekk ~~ikun tressaq appell ordinarju kontra s-sentenza~~ ⇨ l-eżegwibbiltà tad-deċiżjoni tkun sospiża ⇦ fl-Istat Membru tal-oriġini ~~jew jekk iż-żmien għal dak~~ ⇨ permezz ta' ⇦ appell ~~ma jkunx għadu skada; f'dan il-każ tal-aħħar, il-qorti tista' tispeċifika ż-żmien li fih għandu jiġi mressaq dan l-appell~~.

~~2. Meta tkun ingħatat sentenza fl-Irlanda jew ir-Renju Unit, xi forma ta' appell disponibbli fl-Istat Membru tal-oriġini għandu jkun ittrattat bħala appell ordinarju għall-iskopijiet ta' paragrafu 1.~~

2. Il-qorti tista' wkoll tagħmel eżekuzzjoni kondizzjonali fuq id-dispożizzjonijiet ta' garanzija kif tiddetermina hi.

*Artikolu 60*

---

🡻 44/2001 (adattat)

1. Meta sentenza għandha tiġi rikonoxxuta skont ~~dan ir-Regolament~~ ⌦ din is-Sezzjoni ⌫ , xejn m'għandu jfixkel lill-applikant milli jagħmel użu mill-miżuri provviżorji, inklużi miżuri

protettivi, skont il-liġi tal-Istat Membru ~~mitlub~~ ⌦ tal-eżekuzzjoni ⌫ mingħajr ma tkun meħtieġa dikjarazzjoni ta' ~~eżekuzzjoni~~ eżegwibbiltà permezz tal-Artikolu ~~41~~ 54.

2. Id-dikjarazzjoni ta' ~~eżekuzzjoni~~ eżegwibbiltà għandu jkollha ⌦ b'operat tal-liġi ⌫ ~~l-qawwa~~s-setgħa li tipproċedi ~~għal xi~~b'miżuri protettivi.

---

↓ 44/2001 (adattat)

3. Matul iż-żmien speċifikat għal appell bis-saħħa tal-Artikolu ~~43(5)~~ 56(5) kontra d-dikjarazzjoni ta' ~~eżekuzzjoni~~ eżegwibbiltà u sakemm xi appell bħal dak ikun ġie ddeterminat, l-ebda miżuri ta' eżekuzzjoni ma jistgħu jittieħdu apparti minn miżuri protettivi kontra il-proprjetà tal-parti li kontra tagħha tkun imfittxija l-eżekuzzjoni.

*Artikolu ~~48~~61*

1. Meta tkun ingħatat sentenza ~~barranija~~ rigward diversi ~~materji~~ kwistjonijiet u d-dikjarazzjoni tal-~~eżekuzzjoni~~ eżegwibbiltà ma tkunx tista' ~~tkun mogħtija~~tingħata għalihom kollha, il-qorti jew l-awtorità kompetenti għandha tawtorizza l-eżekuzzjoni għal wieħed jew aktar minnhom.

---

↓ 44/2001

2. Applikant jista' jitlob dikjarazzjoni ta' ~~eżekuzzjoni~~ eżegwibbiltà limitata għal xi partijiet mis-sentenza.

---

↓ 44/2001 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu ~~50~~62*

Applikant li, fl-Istat Membru tal-oriġini, ikun ibbenefika minn għajnuna legali sħiħa jew parzjali jew mill-eżenzjoni ~~ta~~min-nefqa u l-ispejjeż għandu jkun intitolat, ~~fil-proċedura li hemm dispożizzjoni dwarha f'din is-Sezzjoni~~ ⇨ fi kwalunkwe proċediment għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà ⇦ , għall-benefiċċju ta' għajnuna legali l-aktar favorevoli jew l-eżenzjoni l-aktar estensiva mill-infiq u l-ispejjeż li hemm dispożizzjoni dwarhom fil-liġi tal-Istat Membru ~~indirizzat l-~~ ⌦ tal-eżekuzzjoni ⌫ .

---

↓ 44/2001 (adattat)

*Artikolu ~~52~~63*

Fil-proċedimenti għal ħruġ ta' dikjarazzjoni ta' ~~eżekuzzjoni~~ eżegwibbiltà, m'għandhom jiġu ~~imposti~~applikati l-ebda imposti, dazji jew miżati kkalkulati b'referenza għal valur tal-~~materja~~ kwistjoni f'dak il-każ fl-Istat Membru ~~li fih tkun imfittxija l-~~ ⌦ tal- ⌫ eżekuzzjoni.

## SEZZJONI 3

## DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

---

🡻 44/2001

*Artikolu 64*

Taħt l-ebda ċirkostanzi, ma tista' tiġi riveduta sentenza mogħtija fi Stat Membru fir-rigward tas-sustanza tagħha fl-Istat Membru li fih jintalbu r-rikonoxximent, l-eżegwibbiltà jew l-eżekuzzjoni.

---

⇩ ġdid

*Artikolu 65*

Il-parti li tfittex ir-rikonoxximent, l-eżegwibbiltà jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor m'għandhiex tintalab li jkollha indirizz postali jew rappreżentant awtorizzat fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni.

*Artikolu 66*

Jekk sentenza jkun fiha miżura jew ordni li ma jkunux magħrufa mill-Istat Membru tal-eżekuzzjoni, l-awtorità kompetenti f'dak l-Istat Membru għandha, sa fejn ikun possibbli, tadatta l-miżura jew l-ordni skont il-liġi tagħha stess b'tali mod li jkollha l-effetti ekwivalenti marbutin magħha u li ssegwi għanijiet u interessi simili.

---

🡻 44/2001 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu ~~49~~67*

Sentenza ~~barranija~~ ⌦ mogħtija fi Stat Membru ⌫ li tordna pagamenti ~~perjodiċi~~ bħala penali għandha tkun eżegwibbli fl-Istat Membru li fih tkun imfittxija l-eżekuzzjoni ⌦ f'konformità mas-Sezzjonijiet 1 jew 2, skont il-każ. ⌫ ⇨ Il-qorti jew l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni għandhom jistabbilixxu ⇦ ~~biss jekk~~ l-ammont tal-pagament ⇨ jekk dak l-ammont ⇦ ⇨ ma ⇦ jkunx ġie finalment determinat mill-qrati tal-Istat Membru tal-oriġini.

*Artikolu ~~51~~68*

L-ebda garanzija, obbligu jew depożitu, independentament kif deskritt, m'għandu jkun meħtieġ minn parti li fi Stat Membru ~~j~~tapplika għal eżekuzzjoni ta' sentenzi mogħtija fi Stat

Membru ieħor fuq il-bażi li hu jkun ċittadin barrani jew li hu ma jkunx domiċiljat jew residenti fl-Istat ⌦ Membru ⌫ ~~li fih tkun imfittxija l-~~ ⌦ tal- ⌫ eżekuzzjoni.

---

⇩ ġdid

*Artikolu 69*

1. Meta tkun meħtieġa tranżlitterazzjoni jew traduzzjoni skont dan ir-Regolament, tali tranżlitterazzjoni jew traduzzjoni għandha ssir fil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat jew, fejn hemm diversi lingwi uffiċjali f'dak l-Istat Membru, din għandha ssir fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-proċedimenti tal-qorti tal-post fejn tiġi invokata sentenza rikonoxxuta jew fejn tiġi fformulata t-talba, f'konformità mal-liġi ta' dak l-Istat Membru.

2. Għall-finijiet tal-formoli msemmija fl-Artikoli 39 u 42, it-tranżlitterazzjonijiet jew it-traduzzjonijiet jistgħu jsiru wkoll fi kwalunkwe lingwa jew lingwi uffiċjali oħra tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li l-Istat Membru kkonċernat ikun indika li jista' jaċċetta.

3. Kwalunkwe traduzzjoni magħmula skont dan ir-Regolament għandha ssir minn persuna kkwalifikata biex tittraduċi f'wieħed mill-Istati Membri.

---

🡻 44/2001 (adattat)

~~*Artikolu 53*~~

~~1. Parti li titlob ir-rikonoxximent jew li tapplika għal dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni għandha tipproduċi kopja tas-sentenza li tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa biex tiġi stabbilita l-awtentiċità tagħha.~~

~~2. Parti li tapplika għal dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni għandha wkoll tipproduċi ċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 54, bla ħsara għall-Artikolu 55.~~

~~*Artikolu 54*~~

~~*Il-qorti jew l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru fejn kienet ingħatat is-sentenza għandha toħroġ, fuq it-talba ta' xi parti interessata, ċertifikat li juża l-formola normali fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.Artikolu 55*~~

~~1. Jekk ma jiġix prodott iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 54, il-qorti jew l-awtorità kompetenti tista' tispeċifika żmien għal preżentazzjoni tiegħu jew taċċetta dokument ekwivalenti jew, jekk tikkunsidra li jkollha informazzjoni suffiċjenti quddiemha, teżenta mill-produzzjoni tiegħu.~~

~~2. Jekk il-qorti jew l-awtorità kompetenti tkun teħtieġ, għandha tiġi prodotta traduzzjoni ta' dawk id-dokumenti. It-traduzzjoni għandha tkun iċċertifikata minn persuna kkwalifikata biex tagħmel hekk fl-Istat Membru.~~

*Artikolu 56*

L-ebda legalizzazzjoni jew formalità oħra simili m'għandha tkun meħtieġa rigward id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 53 jew l-Artikolu 55(2), jew rigward dokument li jaħtar rappreżentant *ad litem*.

## KAPITOLU IV

## STRUMENTI AWTENTIĊI U TRANŻAZZJONIJIET TAL-QRATI

*Artikolu 5770*

---

| ↓ 44/2001 (adattat) ⇨ ġdid |
|---|

1. Dokument li kien ġie formalment imħejji jew irreġistrat bħala Strument awtentiku u li jkun infurzabbli fi Stat Membru għandu, fi Stat Membru ieħor, jkun iddikjarat eżegwibbli hemm, mal-applikazzjoni magħmula skont id-dispożizzjonijiet imniżżla fl-Artikoli 38, et seq ⇨ eżegwit fl-Istati Membri l-oħra bl-istess mod bħas-sentenzi f'konformità mas-Sezzjonijiet 1 jew 2 tal-Kapitolu III rispettivament ⇦ . Il-qorti li fih ikun ġie ppreżentat appell permezz tal-Artikolu 43 jew l-Artikolu 44 għandu jiċħad jew jirrevoka dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni biss jekk l-eżekuzzjoni tal-istrument tkun manifestament kontra strateġija pubblika fl-Istat Membru indirizzat.

---

| ↓ 44/2001 ⇨ ġdid |
|---|

2. Arranġamenti li għandhom x'jaqsmu ma' obbligi ta' manteniment konklużi ma' awtoritajiet amministrattivi jew awtentikati minnhom għandhom ukoll ikunu meqjusa bħala strumenti awtentiċi fil-qofol ta' dak li jfisser paragrafu 1.

32. L-istrument prodott għandu jissoddisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa sabiex tkun stabbilita l-awtentiċità tiegħu fl-Istat Membru tal-oriġini. ⇨ L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini għandha toħroġ, fuq it-talba ta' kwalunkwe parti interessata, iċ-ċertifikat permezz tal-formola stabbilita fl-Annessi V u VII, skont kif ikun il-każ, li jkun jinkludi taqsira tal-obbligu eżegwibbli li jinsab fl-istrument. ⇦

---

| ↓ 44/2001 (adattat) ⇨ ġdid |
|---|

43. ⌦ Id-dispożizzjonijiet tas- ⌫ Sezzjoni 1 jew 2 tal-Kapitolu III ⌦ , rispettivament, ⌫ għandhom japplikaw kif xieraq. Il-qorti jew l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru fejn l-istrument ta' awtentiċità jkun tħejja jew irreġistrat għandha toħroġ, fuq it-talba ta' xi parti interessata, ċertifikat li juża l-formola normali fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu ~~58~~71*

~~Ftehim~~ Tranżazzjoni ⌦ tal-qorti ⌫ li ~~approvat minn qorti matul il-kors ta' proċedimenti u j~~tkun eżegwibbli fl-Istat Membru tal-oriġini għandha~~u~~ ~~j~~tkun ~~eżegwibbli fl-Istat indirizzat~~ ⇨ eżegwita fl-Istati Membri l-oħra ⇦ permezz tal-istess kondizzjonijiet bħal strumenti awtentiċi. Il-qorti ⌦ kompetenti ⌫ jew l-awtorità ~~kompetenti ta'~~ ⌦ tal- ⌫ Istat Membru ⌦ tal-oriġini ⌫ ~~fejn it-twettiq tal-qorti kien ġie approvat~~ għandha toħroġ, fuq it-talba ta' xi parti interessata, ⌦ iċ- ⌫ ċertifikat ~~li juża l-~~ ⌦ permezz tal- ⌫ formola ~~normali~~ ⌦ stabbilita ⌫ fl-Anness V ~~ta' dan ir-Regolament~~ ⇨ , li jkun jinkludi taqsira tal-ftehim bejn il-partijiet ⇦ .

## KAPITOLU V

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

---

⇩ ġdid

*Artikolu 72*

L-ebda legalizzazzjoni jew formalità simili oħra m'għandhom ikunu meħtieġa fil-kuntest ta' dan ir-Regolament.

---

🡻 44/2001

*Artikolu ~~59~~73*

1.Sabiex ikun iddeterminat jekk parti ~~jkollhiex~~ għandhiex id-domiċilju tagħha fl-Istat Membru li quddiem il-qrati tiegħu tressqet ~~jkunu invokati b~~il-~~materja~~ kwistjoni, il-qorti għandha tapplika l-liġi interna tagħha.

2. ~~Jekk~~ Fil-każ li parti ma tkunx domiċiljata fl-Istat Membru li quddiem il-qrati tiegħu tressqet ~~jkunu invokati b~~il-~~materja~~ kwistjoni, ~~allura, sa~~biex ikun iddeterminat jekk parti ~~jkollhiex~~ għandhiex id-domiċilju fi Stat Membru ieħor, il-qorti għandha tapplika l-liġi ta' dak l-Istat Membru.

*Artikolu ~~60~~74*

1. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, kumpanija jew persuna ġuridika oħra jew assoċjazzjoni ta' persuni naturali jew ġuridiċi jkollha d-domiċilju fil-post fejn hi jkollha:

(a) is-sede statutorja, jew

(b) iċ-ċentru amministrattiv, jew

(c) il-post prinċipali tan-negozju tagħha.

2. Għall-iskopijiet tar-Renju Unit u l-Irlanda 'sede statutorja' tfisser l-uffiċċju rreġistrat jew, meta ma jkun hemm imkien l-ebda uffiċċju bħal dan, il-post tal-inkorporazzjoni jew meta ma jkun hemm imkien l-ebda post bħal dan, il-post skont il-liġi li fih tkun seħħet il-formazzjoni.

3. Sabiex jiġi determinat jekk "trust" jkollhiex id-domiċilju fl-Istat Membru li l-qrati tiegħu jkunu invokati bil-~~materja~~ kwistjoni, il-qorti għandha tapplika r-regoli tagħha tal-liġi privata internazzjonali.

*Artikolu ~~61~~75*

Bla ħsara għal xi dispożizzjonijiet aktar favorevoli tal-liġijiet nazzjonali, persuni li jkollhom d-domiċilju fi Stat Membru u li jkunu għaddejjin minn prosekuzzjoni fil-qrati kriminali ta' Stat Membru ieħor li tiegħu ma jkunux ċittadini għal offiża li ma kinitx imwettqa intenzjonalment jistgħu ~~jiġi difiżi~~jkunu ddefenduti minn persuni hekk kwalifikati, anki jekk ma jidhrux huma personalment. B'danakollu, il-qorti invokata fil-~~materja~~ kwistjoni tista' tordna ~~d-dehra~~ l-preżenza personali; fil-każ ta' ~~nuqqas ta' dehra~~ kontumaċja, ~~ġudizzju~~ sentenza mogħtija fl-azzjoni ċivili mingħajr ma l-persuna kkonċernata jkollha l-opportunità li tħejji għad-difiża tagħha, din mhux bil-fors li tiġi rikonoxxuta jew tkun eżegwibbli fl-Istati Membri l-oħra.

~~*Artikolu 62*~~

~~Fl-Isvezja, proċedimenti sommarji li jirrigwardjaw l-ordnijiet għal ħlas (*betalningsföreläggande*) u l-assistenza (*handräckning*), l-espressjoni "qorti" tinkludi "Is-Servizz ta' Infurzar Svediż"(*kronofogdemyndighet*).~~

---

🡻 44/2001 (adattat)

~~*Artikolu 63*~~

~~1. Persuna domiċiljata fit-territorju tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu u li tkun imfittxija fil-qorti ta' Stat Membru ieħor bis-saħħa tal-Artikolu 5(1) tista' tirrifjuta li tissottometti għall-ġurisdizzjoni f'dik il-qorti jekk il-post finali tal-kunsinna tal-oġġetti jew il-forniment tas-servizzi jkun fil-Lussemburgu.~~

~~2. Meta, permezz ta' paragrafu 1, il-post finali għal kunsinna ta' oġġetti jew għal forniment tas-servizzi ikun fil-Lussemburgu, xi ftehim li jikkonċedi l-ġurisdizzjoni għandu, sabiex ikun validu, ikun aċċettat bil-kitba jew ikkonfermat bil-kitba fil-qofol tat-tifsira tal-Artikolu 23(1)(a).~~

~~3. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu m'għandhomx japplikaw għal kuntratti għal forniment ta' servizzi finanzjarji.~~

~~4. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għal perjodu ta' sitt snin mid-dħul b'effett ta' dan ir-Regolament.~~

*~~Artikolu 64~~*

~~1. Fi proċedimenti li jinvolvu kwistjoni bejn il-kaptan u l-membri tal-ekwipaġġ ta' vapur li jbaħħar irreġistrat fil-Greċja jew fil-Portugall, rigward remunerazzjoni jew kondizzjonijiet oħra ta' servizz, qorti fi Stat Membru għandha tistabbilixxi jekk l-uffiċjal diplomatiku jew konsulari responsabbli għal vapur ikunx ġie notifikat bil-kwistjoni. Il-qorti tkun tista' taġixxi malli dak l-uffiċjal jiġi notifikat.~~

~~2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għal perjodu ta' sitt snin mid-dħul b'effett ta' dan ir-Regolament.~~

*Artikolu ~~65~~76*

---

